



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.9.2012  
COM(2012) 462 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-aktivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-2011**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-2011

### WERREJ

1.	Introduzzjoni .....	4
2.	Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-FEG fl-2011 .....	4
3.	Segwitu għar-Rapport Annwali tal-2010 dwar l-attivitajiet tal-FEG .....	5
4.	Analiżi tal-Attivitajiet tal-FEG fl-2011 .....	6
4.1.	Applikazzjonijiet riċevuti .....	6
	Tabella 1 — Applikazzjonijiet riċevuti fl-2011 .....	6
4.1.1.	Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-Istati Membri u s-setturi .....	7
4.1.2.	Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-ammont mitlub .....	7
4.1.3.	Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont in-numru ta' ħaddiema fil-mira għal assistenza .....	7
4.1.4.	Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-ammont mitlub għal kull ħaddiem .....	8
4.1.5.	Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont il-kriterju ta' intervent .....	8
4.2.	Kontribuzzjonijiet mogħtija .....	8
	Tabella 2 — Dettalji tal-kontribuzzjonijiet mogħtija fl-2011 .....	9
	Tabella 3 — Kontribuzzjonijiet tal-FEG mogħtija l-2011: Profil tal-ħaddiema .....	10
4.2.1.	Azzjonijiet iffinanzjati bl-assistenza tal-FEG .....	11
4.2.2.	Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) .....	11
4.3.	Każijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG .....	12
4.4.	Riżultati miksuba mill-FEG .....	12
4.4.1.	Rapporti finali riċevuti mill-Istati Membri fl-2011 dwar l-implementazzjoni ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji .....	13
4.4.2.	Sommarju tar-riżultati u l-prattiki tajba rrapportati fl-2011 .....	13
	Tabella 4 — Rapporti finali riċevuti fl-2011 — ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati .....	14
4.4.3.	Dettalji dwar il-miżuri implementati, kif ikkomunikat fir-Rapporti Finali riċevuti fl-2011 .....	14

4.5.	Reviżjoni ta' wara l-2013 .....	17
4.6.	Rapport finanzjarju.....	17
4.6.1.	Fondi kkontribwiti mill-FEG .....	17
4.6.2.	Nefqa għal assistenza teknika .....	18
	Tabella 5 — Nefqa għal assistenza teknika 2011 .....	18
4.6.3.	Irregolaritajiet irrapportati jew magħluqa .....	19
4.6.4.	Stralċ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG .....	19
	Tabella 6 — Każijiet stralċati fl-2011 .....	19
4.6.5.	Rimborżi oħrajn .....	20
4.7.	Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni .....	20
4.7.1.	Informazzjoni u reklamar .....	20
4.7.2.	Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati tal-FEG .....	22
4.7.3.	Iddisinjar ta' formola elettronika għal applikazzjonijiet .....	22
4.7.4.	It-tieni Ħarsa Ġenerali Statistika tal-EGF 2007-2011 .....	22
4.7.5.	Evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG .....	23
5.	Xejriet .....	24
6.	Konklużjoni .....	29
	Anness 1 — Applikazzjonijiet għall-FEG imqassma skont il-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi sal-31 ta' Diċembru 2011 (97 applikazzjoni) .....	31
	Anness 2 — Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet tal-FEG sal-31 ta' Diċembru 2011 imqassmin skont l-Istati Membri u t-Tip ta' Applikazzjoni (kriterji tal-Artikolu 1) ..	35

## **1. INTRODUZZJONI**

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>1</sup> biex juri solidarjetà u jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejret kummerċjali globali. Tfassal bħala mezz ta' rikonċiljazzjoni tal-benefiċċċi ġenerali fit-tul tal-kummerċ miftuħ f'termini ta' tkabbir u impjieg i mal-effetti avversi f'perjodu qasir li jista' jkollha l-globalizzazzjoni, speċjalment fuq l-impjieg tal-iktar ħaddiema vulnerabbli u b'ħiliet baxxi. Ir-regoli ġew emendati mir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tat-18 ta' Ġunju 2009<sup>2</sup> bħala tweġiba iktar effettiva għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jeħtieġ li ta' kull sena, il-Kummissjoni tibgħat rapport kwantitattiv u kwalitattiv lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-FEG fis-sena ta' qabel. Ir-rapport għandu jiffoka primarjament fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u b'mod partikolari, għandu jkun fih informazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet ippreżentati, id-deċiżjonijiet adottati u l-azzjonijiet iffinanzjati, inklużi l-kumplimentarjetà tagħhom ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċċjali Ewropew (FSE), u l-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu saru. Għandu jiddokumenta wkoll it-talbiet li ġew miċħuda minħabba nuqqas ta' appropriazzjonijiet suffiċċenti jew minħabba ineliġibilità.

## **2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET TAL-FEG FL-2011**

Fl-2011, il-Kummissjoni rċeviet 26 applikazzjoni għal kontribuzzjonijiet mill-FEG, li kienu ftit inqas minn dawk li rċeviet fl-2010 (31 applikazzjoni). Id-dettalji dwar l-applikazzjonijiet jingħataw fit-Taqsima 4.1 u fit-Tabella 1.

L-Awtorità Baġitarja ġadet 22 deċiżjoni biex timmobilizza l-FEG fl-2011 li ammontaw għal total ta' EUR 128 167 758, li hija żieda ta' 54,1% f'termini ta' kofinanzjament tal-FEG meta mqabbel mal-2010. Id-dettalji dwar il-kontribuzzjonijiet mogħtija huma stabbiliti fit-Taqsima 4.2 u fit-Tabelli 2 u 3.

Fl-2011, il-Kummissjoni rċeviet erba' rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-FEG. Id-dettalji tar-riżultati jingħataw fit-Taqsima 4.4 u fit-Tabella 4. Ġew stralċati ħames kontribuzzjonijiet tal-FEG li ngħataw fis-snin ta' qabel (dettalji fit-Taqsima 4.6.4 u fit-Tabella 6). Id-dettalji tal-assistenza teknika b'inizjattiva tal-Kummissjoni (l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar il-FEG) huma mogħtija fit-Taqsima 4.6.2 u fit-Tabella 5.

Fl-2011, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta biex testendi d-“deroga għall-kriżi” temporanja (applikabbi għall-applikazzjonijiet tal-FEG ippreżentati sat-30.12.2011) sa tmiem l-2013. Id-dettalji jingħataw fit-Taqsima 3. Il-Kummissjoni

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni, ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1, kif ikkoreġut mill-ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82, għal-lingwi kollha u ĠU L 202, 31.7.2008, p. 74, għall-Ingliż biss.

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009).

ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu 2014-2020. Id-dettalji huma mogħtija fit-Taqsima 4.5.

### **3. SEGWITU GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-2010 DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-FEG**

#### **Regolament (KE) Nru 546/2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

L-eminġa tal-2009 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 bil-modifiki temporanji u permanenti tagħha ġabet magħha titjib notevoli għall-FEG, billi tiprovd kundizzjonijiet aħjar għall-Istati Membri sabiex jaapplikaw għall-kofinanzjament tal-FEG b'appoġġ tat-tweġibiet tagħhom għall-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali fuq l-impjieggi.

Il-mod ta' kif wieħed jaapplika għall-FEG tħaffef ħafna bis-saħħha tad-"*deroga għall-kriżi*" temporanja<sup>3</sup> li tippermetti lill-FEG sabiex jassisti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u billi l-kontribuzzjoni tal-FEG żidiet minn 50 % għal 65 % tal-ispejjeż totali. Il-bidli permanenti, jiġifieri t-taqeqis tal-livell limitu minn 1 000 għal 500 sensja u l-estensjoni tal-perjodu ta' implementazzjoni minn 12 għal 24 xahar mid-data ta' applikazzjoni halley impatt pożittiv ukoll: l-Istati Membri setgħu jitkol lu l-appoġġ mill-FEG għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn impriżi żgħar u setgħu jiprogrammaw appoġġ iktar fit-tul għall-ħaddiema milli kien isir fl-imgħodd. L-impatt tat-tul itwal tal-appoġġ mill-FEG fuq l-impjieggi u l-impiegabbiltà tal-ħaddiema mogħtija s-sensja sejjer jidher wara t-testija tal-proġetti.

Fl-ewwel perjodu ta' tliet xħur tal-2011, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, il-korpi implementattivi u l-imsieħba soċjali dwar jekk għandhiex tīgħi estiża d-"*deroga għall-kriżi*" wara l-2011 u, b'mod parallel, dwar il-ġejjieni tal-FEG wara l-2013 (ara wkoll it-Taqsima 4.5). F'Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposta<sup>4</sup> biex id-"*deroga għall-kriżi*" tīgħi estiża sa tmiem l-2013, ħaġa li għiet approvata għal kollex mill-Parlament Ewropew fil-21 ta' Settembru 2011. Madankollu, minkejja dibattiti estensivi fil-Kunsill u bosta soluzzjonijiet ta' kompromess, il-proposta tal-Kummissjoni ma kisbitx magħgoranza kwalifikata fil-Kunsill. Billi ma ntlaħaq ebda qbil politiku dwar l-estensjoni tad-"*deroga għall-kriżi*", mill-31 ta' Diċembru 2011, l-applikazzjonijiet għall-ħaddiema mill-FEG setgħu jiġu ġġustifikati biss għal raġunijiet ta' bidliet strutturali fix-xejriet kummerċiali globali, u r-rata ta' kofinanzjament tnaqqset għall-50 % oriġinali tal-ispejjeż eliġibbli totali.

#### **Tħaffif tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tal-FEG: proċedura għall-preżentazzjoni ta' proposti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew**

Il-kontribuzzonijiet tal-FEG mogħtija fl-2011 ġew ipproċessati skont il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet ġodda tal-FEG li ġew stabbiliti lejn tmiem l-2009. L-isforzi li bdew fl-2010 sabiex jitħaffef il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont ir-regoli ta' dan ir-Regolament issoktaw fl-2011, u b'mod partikolari fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet ta' wara l-2011 u l-2013. Saru tħejjijiet għal seminar spċċiku għar-rappreżentanti tal-Istati Membri (li seħħ f'Marzu 2012) sabiex jiġu indirizzati bosta kwistjonijiet relatati mal-implementazzjoni effettiva tal-Fond.

<sup>3</sup> Applikabbli għall-applikazzjonijiet tal-FEG ippreżentati bejn l-1.5.2009 u t-30.12.2011, skont l-Artikolu 1(1a) tar-Regolament emendat tal-FEG.

<sup>4</sup> Proposta tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2011 COM(2011) 336 finali.

## **4. ANALIŻI TAL-ATTIVITAJIET TAL-FEG FL-2011**

### **4.1. Applikazzjonijiet riċevuti**

Is-26 applikazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni fl-2011 (ara t-Tabella 1) kienu ħamsa inqas mill-2010 (31 applikazzjoni<sup>5</sup>). Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009, adottat fit-18 ta' Ġunju 2009, japplika għal dawn kollha (jiġifieri rata ta' kofinanzjament ta' 65%, perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar mid-data ta' applikazzjoni, eċċ.). Lejn tmiem l-2011 ġiet osservata żieda sinifikanti fl-applikazzjonijiet relatati mal-kriżi, u dan juri li l-Istati Membri fittxew li jibbenfikaw kemm setgħu mid-dispożizzjonijiet imtejba tad-''deroga għall-kriżi'' qabel l-iskadenza tagħha fi tmiem Diċembru 2011: 12 mit-18-il applikazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri f'Diċembru 2011 kienu relatati mal-kriżi.

Is-26 applikazzjoni ġew ppreżentati minn 10 Stati Membri, li fil-mira tagħhom kelhom 16 870 ħaddiem li ngħataw is-sensja, u li talbu total ta' EUR 77 546 044 mill-FEG. L-ammonti li għadhom mhumiex approvati huma indikattivi, hekk kif għadhom jistgħu jinbidlu matul il-fażi ta' valutazzjoni. Żewġ Stati Membri kienu applikanti ġodda fl-2011: il-Greċja u r-Rumanija.

---

<sup>5</sup> Inklużi żewġ każijiet li ġew irtirati fl-2011 (EGF /2010/023 ES/Lear u EGF/2010/024 NL/ABN Amrobank).

*Tabella 1 — Applikazzjonijiet riċevuti fl-2011*

Application reference	MS	Case	Sector	Application date	Art. 2		Art. 1		MS amount	EGF amount	Workers targeted for assistance	EGF amount / person
					Intervention criterion <sup>1)</sup>	Dereogation from	Direct result of the global financial and economic crisis	major structural changes in world trade patterns due to globalisation				
<b>Regulation (EC) No. 546/2009 amending Regulation (EC) No. 1927/2006 applies to all applications received from 1 May 2009</b>												
EGF/2011/001	AT	Nieder- und Oberösterreich	Transport	03.01.2011	b	x			1.962.030	3.643.770	502	7.258,51
EGF/2011/002	IT	Trentino Alto Adige	Construction	07.02.2011	b	x			2.110.150	3.918.850	528	7.422,06
EGF/2011/003	DE	Arnsberg-Düsseldorf	Automotive	09.02.2011	b	x			2.341.160	4.347.868	778	5.588,52
EGF/2011/004	EL	Aldi Hellas	Retail	10.05.2011	a	x			1.571.500	2.918.500	642	4.545,95
EGF/2011/005	PT	Norte-Centro	Automotive	06.06.2011	b	x			817.635	1.518.465	726	2.091,55
EGF/2011/006	ES	Valencia	Construction	01.07.2011	b	x			884.170	1.642.030	720	2.280,60
EGF/2011/007	IT	Lazio	Ceramics	28.07.2011	ce	b	x		1.248.576	2.318.784	406	5.711,29
EGF/2011/008	DK	Odense Steel Shipyard	Shipbuilding	28.10.2011	a	x			3.475.826	6.455.104	550	11.736,55
EGF/2011/009	NL	Gelderland Construction 41	Construction	15.12.2011	b	x			2.078.125	3.859.375	500	7.718,75
EGF/2011/010	AT	Austria Tabak	Tobacco products	20.12.2011	ce	a		x	2.519.515	4.679.100	320	14.622,19
EGF/2011/011	AT	Soziale Dienstleistungen	Social work	21.12.2011	b	x			3.682.350	6.838.650	350	19.539,00
EGF/2011/012	NL	Noord-Brabant-Zuid Holland	Construction 43	21.12.2011	b	x			1.624.948	3.017.760	600	5.029,60
EGF/2011/013	DK	Flextronics	Electronics	21.12.2011	cl	a	x		763.795	1.418.476	153	9.271,08
EGF/2011/014	RO	Nokia	Mobile phones	22.12.2011	a		x		1.728.370	3.209.830	1.416	2.266,83
EGF/2011/015	SE	AstraZeneca	Pharmaceuticals	23.12.2011	a		x		2.329.306	4.325.854	700	6.179,79
EGF/2011/016	IT	Agile	ICT software	30.12.2011	a	x			2.933.000	5.447.000	1.100	4.951,82
EGF/2011/017	ES	Aragon	Construction 41	28.12.2011	b	x			700.000	1.300.000	743	1.749,66
EGF/2011/018	ES	Pais Vasco	Metal products	28.12.2011	b	x			699.755	1.299.545	500	2.599,09
EGF/2011/019	ES	Galicia	Metal products	28.12.2011	b	x			1.092.665	2.029.235	450	4.509,41
EGF/2011/020	ES	Valencia	Shoe manufacture	28.12.2011	b		x		878.535	1.631.565	876	1.862,52
EGF/2011/021	NL	Zalco	Basic metals	28.12.2011	a	x			991.630	1.841.599	616	2.989,61
EGF/2011/022	ES	CastillaLeon-La Mancha	Wooden doors	29.12.2011	b	x			606.095	1.125.605	350	3.216,01
EGF/2011/023	IT	Antonio Merlini	Domestic appliances	29.12.2011	a	x			1.033.444	1.919.252	1.517	1.265,16
EGF/2011/024	IT	Medcenter Container Terminal	Warehousing and storage	29.12.2011	a	x			1.200.269	2.229.071	747	2.984,03
EGF/2011/025	IT	Lombardia	Electronic equipment	30.12.2011	b	x			980.182	1.820.338	568	3.204,82
EGF/2011/026	IT	Emilia Romagna	Motorcycles	30.12.2011	b		x		1.502.533	2.790.419	512	5.450,04
<b>Total applications received in 2011: 26</b>					<b>20</b>	<b>6</b>	<b>41.755.563</b>	<b>77.546.044</b>	<b>16.870</b>			
					77%	23%	1.605.983	2.982.540	649	4.596,68		average figures

The simplified procedure introduced in 2009 to seek the approval of the Budgetary Authority has been used in the case of all 2011 applications.

Data as of 31/12/2011

\*) ce: Article 2(c) exceptional circumstances cl: Article 2(c) small labour market

#### *4.1.1. Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-Istati Membri u s-setturi*

Is-26 applikazzjoni relatati ma' 20 settur<sup>6</sup>. Tmienja minn dawn huma setturi li għalihom ġiet ippreżentata applikazzjoni tal-FEG għall-ewwel darba fl-2011: huma mmarkati b'linja taħthom fil-lista ta' hawn taħt.

L-Awstrija (tliet applikazzjonijiet: trasport tat-triq, prodotti tat-tabakk, attivitajiet ta' ħidma soċċali), id-Danimarka (żewġ applikazzjonijiet: tagħmir elettroniku, settur tat-tarzna), il-Ġermanja (applikazzjoni waħda: settur awtomobilistiku), il-Greċċa (applikazzjoni waħda: kummerċ fil-livell tal-konsumaturi), l-Italja (seba' applikazzjonijiet: kostruzzjoni ta' bini, ċeramika, apparat domestiku, servizzi tal-ICT, irfigħ f'imħażen u ħażin, apparat elettroniku, muturi), il-Pajjiżi l-Baxxi (tliet applikazzjonijiet: kostruzzjoni ta' bini, attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzata, metalli bażiċi), il-Portugall (applikazzjoni waħda: settur awtomobilistiku), ir-Rumanija (applikazzjoni waħda: telefowns ċellulari), Spanja (sitt

<sup>6</sup> Kostruzzjoni ta' bini (4), settur awtomobilistiku (2), apparat elettroniku (2), industria ta' ħidma tal-metall (2), settur tat-tarzna (1), manifattura ta' żraben (1), metalli bażiċi (1), kummerċ fil-livell tal-konsum (1), ċeramika (1), attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzata (1), telefowns ċellulari (1), ħidma ta' mastrudaxxi u xogħol fuq l-injam (1), tagħmir domestiku (1), trasport tat-triq (1), prodotti tat-tabakk (1), attivitajiet ta' ħidma soċċali (1), prodotti farmaċewtiċi (1), servizzi tal-ICT (1), irfigħ f'imħażen u ħażin (1), muturi (1).

applikazzjonijiet: kostruzzjoni ta' bini, l-industrija tal-ħdim tal-metall, manifattura taż-żraben, ħidma ta' mastrudaxxi u xogħol fuq l-injam), l-Isvezja (applikazzjoni waħda: prodotti farmaċewtiċi).

#### *4.1.2. Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-ammont mitlub*

Kull Stat Membru li applika għal appoġġ mill-FEG irid ifassal pakkett koordinat ta' miżuri li jkun l-iktar wieħed li jixraq għall-profil tal-ħaddiema fil-mira, u jrid jiddeċiedi fuq l-ammont ta' assistenza li jixtieq jitlob. Ir-Regolament tal-FEG la jirrakkomanda u lanqas jillimita l-ammont totali mitlub, iżda l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' applikazzjoni tista' tqajjem kwistjonijiet li jġiegħlu lill-Istat Membru jirrevedi l-pakkett propost ta' servizzi personalizzati, u b'hekk taffettwa l-ammont mitlub.

Il-kontribuzzjonijiet tal-FEG mitluba fl-2011 varjaw bejn EUR 1 125 605 u EUR 6 838 650 (medja ta' EUR 2 982 540).

#### *4.1.3. Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont in-numru ta' ħaddiema fil-mira għal assistenza*

In-numru totali ta' ħaddiema fil-mira tal-miżuri proposti għal kofinanzjament mill-FEG kien ta' 16 870, li hu madwar 72% tan-numru totali ta' ħaddiema li tkeċċew (ġew iddikjarati madwar 23 500 sensja mill-10 Stati Membri fis-26 applikazzjoni ppreżantati). In-numri varjaw bejn 153 sa 1 517-il ħaddiem fil-mira, bi tliet applikazzjonijiet li fil-mira tagħhom kellhom inqas minn 500 ħaddiem. In-numru ta' ħaddiema affettwati minn każ ta' sensja u n-numru fil-mira għal appoġġ mill-FEG jista' jvarja, għaliex l-Istat Membru applikant jista' jiddeċiedi li jiffoka l-assistenza mill-FEG fuq gruppi spċċifici ta' ħaddiema biss, bħal dawk li jħabtu wiċċhom ma' diffikultajiet eċċeżżjoni biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol u/jew dawk li l-aktar li għandhom bżonn tal-assistenza. Uħud mill-ħaddiema affettwati jistgħu jirċievu assistenza barra l-FEG, filwaqt li oħrajn jistgħu jsibu xogħlijiet ġodda waħedhom jew jistgħu jiddeċiedu li jirtiraw kmieni, li jfisser li ma jkunux fil-mira tal-miżuri tal-FEG.

#### *4.1.4. Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont l-ammont mitlub għal kull ħaddiem*

Il-pakkett ta' servizzi individwalizzati li l-Istati Membri jistgħu jipproponu għall-ħaddiema mogħtija s-sensja kkonċernati jaqa' fid-diskrezzjoni tagħhom, fi ħdan it-termini tar-Regolament. Għaldaqstant, l-ammont mitlub għal kull ħaddiem affettwati jista' jvarja skont il-gravità tal-avveniment ta' għoti tas-sensji, is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol affettwati, iċ-ċirkostanzi individwal li ġiex għall-ħaddiema fil-mira, il-miżuri digħi pprovduti mill-Istat Membru, u l-ispiża għall-għoti tas-servizzi fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat. Dan jispjega għaliex l-ammonti proposti għal kull ħaddiem fl-2011 varjaw bejn fit iktar minn EUR 1 200 u iktar minn EUR 19 000.

#### *4.1.5. Applikazzjonijiet riċevuti mqassmin skont il-kriterju ta' intervent*

Mis-26 applikazzjoni ppreżentata, 20 (77%) kienu maħsuba sabiex jappoġġaw lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala konsegwenza diretta tal-kiżi finanzjarja u ekonomika (l-Artikolu 1(1a) tar-Regolament emendat tal-FEG), filwaqt li s-sitt applikazzjonijiet fadal (23%) kienu maħsuba biex iwieġbu għal bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali minħabba l-globalizzazzjoni.

Tmien applikazzjonijiet kienu bbażati fuq l-Artikolu 2(a) tar-Regolament tal-FEG, 15 kienu bbażati fuq l-Artikolu 2(b), żewġ applikazzjonijiet rreferew għall-Artikolu 2(c), hekk kif kienu jikkonċernaw ċirkostanzi eċċeazzjonal, u applikazzjoni waħda rreferiet għall-Artikolu 2(c), hekk kif kienet tikkonċerna suq tax-xogħol żgħir.

#### **4.2. Kontribuzzjonijiet mogħtija**

Fl-2011, l-Awtorità tal-Bagħit ħadet 22 deċiżjoni biex il-FEG jibda jikkofinanzja miżuri tal-politiki dwar is-suq tax-xogħol (ara t-Tabelli 2 u 3 għal ħarsa ġenerali u analiżi tal-profili tal-ħaddiema). Ħamsa minn dawn l-applikazzjonijiet ikkonċernati saru fl-2011, filwaqt li 16-il applikazzjoni kkonċernata daħlu fl-2010 u waħda saret bħala tweġiba għal applikazzjoni li daħlet fl-2009. Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009, adottat fit-18 ta' Ġunju 2009, jaapplika għall-kontribuzzjonijiet kollha li ngħataw (jiġifieri rata ta' kofinanzjament ta' 65%, perjodu ta' implementazzjoni ta' 24 xahar mid-data ta' applikazzjoni, eċċ.).

It-22 kontribuzzjoni mogħtija kienu mmirati għal 21 213-il ħaddiem li ngħataw is-sensja fi 12-il Stat Membru b'total ta' EUR 128 167 758 imħallas mill-FEG (25,6% tal-ammont annwali massimu disponibbli għall-FEG). Dan jirrapreżenta żieda ta' 54,1% f'termini ta' kofinanzjament mill-FEG meta mqabbel mal-2010 (EUR 83 171 941 għal 30 kontribuzzjoni mogħtija<sup>7</sup>).

---

<sup>7</sup> Mingħajr ma jingħaddu EUR 382 200, li ntraddu lura minn Spanja għal każżirti fl-2011 (EFG 2010/023 ES/Lear).

*Tabella 2 — Dettalji tal-kontribuzzjonijiet mogħtija fl-2011*

Application reference	MS	Case	Sector	Application date	Intervention criterion	Art. 2		Art. 1		Workers targeted for assistance	EGF amount / person	Decisions taken by the Budgetary Authority to mobilise the EGF fund	Payments drawn on the 2011 budget (up to 31/03/2012) (Art 13 of EGF Regulation)
						Direct result of the global financial and economic crisis	major structural changes in world trade patterns in due to globalisation	MS amount	EGF amount				
<b>Regulation (EC) No. 546/2009 amending Regulation (EC) No. 1927/2006 applies to all applications received from 1 May 2009</b>													
EGF/2009/019	FR	Renault	Automotive sector	9.10.2009	a	x		13.188.821	24.493.525	3.582	6.837.95	21.12.2011	29.2.2012
EGF/2010/007	AT	Steiermark-Niederösterreich	Basic metals	9.03.2010	b	x		4.461.105	8.284.908	356	23.272.21	27.9.2011	28.10.2011
EGF/2010/008	AT	AT&S	Printed circuit boards	11.03.2010	ce		x	657.530	1.221.128	74	16.501.73	27.9.2011	28.10.2011
EGF/2010/010	CZ	Unilever	Retail sector	24.03.2010	a	x		174.365	323.820	460	703.96	5.4.2011	17.05.2011
EGF/2010/013	PL	Podkarpackie	Machinery/Equipment	27.04.2010	b	x		244.230	453.570	200	2.267.85	5.4.2011	17.05.2011
EGF/2010/017	DK	Mdtylland machinery	Machinery/Equipment	11.05.2010	b		x	2.124.019	3.944.606	325	12.137.25	25.10.2011	24.11.2011
EGF/2010/019	IE	Construction 41	Construction	9.06.2010	b	x		6.832.990	12.689.838	3.205	3.959.39	16.11.2011	21.12.2011
EGF/2010/020	IE	Construction 43	Construction	9.06.2010	b	x		11.665.311	21.664.148	2.228	9.723.59	16.11.2011	21.12.2011
EGF/2010/021	IE	Construction 71	Construction	9.06.2010	b	x		747.288	1.387.819	554	2.505.09	16.11.2011	21.12.2011
EGF/2010/022	DK	Glasfiber	Wind turbines	7.07.2010	a		x	3.363.993	6.247.415	825	7.572.62	6.7.2011	2.8.2011
EGF/2010/025	DK	Odense Steel Shipyard	Shipbuilding	6.10.2010	a	x		7.636.409	14.181.901	950	14.928.32	6.7.2011	2.8.2011
EGF/2010/026	PT	Rohde	Shoe manufacture	26.11.2010	a	x		780.500	1.449.500	680	2.131.62	25.10.2011	24.11.2011
EGF/2010/027	NL	N Brabant Div 18	Printing industry	20.12.2010	ce	x		359.597	667.823	199	3.355.89	27.9.2011	27.10.2011
EGF/2010/028	NL	Ovenijssel Div 18	Printing industry	20.12.2010	ce	x		386.691	718.140	214	3.355.79	27.9.2011	27.10.2011
EGF/2010/029	NL	Z Holland/Utrecht Div 18	Printing industry	20.12.2010	b	x		1.426.465	2.649.148	800	3.311.44	27.9.2011	27.10.2011
EGF/2010/030	NL	N Holland/Flevoland Div 18	Printing industry	20.12.2010	b	x		995.662	1.849.086	551	3.355.87	27.9.2011	27.10.2011
EGF/2010/031	BE	GM Belgium	Automotive sector	20.12.2010	a	x		5.165.963	9.593.931	2.834	3.385.30	6.7.2011	2.8.2011
EGF/2011/001	AT	Nieder- und Oberösterreich	Transport	3.01.2011	b	x		1.962.030	3.643.770	502	7.258.51	16.11.2011	6.3.2012
EGF/2011/002	IT	Trentino Alto Adige	Construction	7.02.2011	b	x		2.110.150	3.918.850	528	7.422.06	13.12.2011	29.2.2012
EGF/2011/003	DE	Ansberg-Düsseldorf	Automotive	9.02.2011	b	x		2.341.160	4.347.868	778	5.588.52	25.10.2011	24.11.2011
EGF/2011/004	EL	Aldi Hellas	Retail	10.05.2011	a	x		1.571.500	2.918.500	642	4.545.95	16.11.2011	16.12.2011
EGF/2011/005	PT	Norte-Centro	Automotive	6.06.2011	b	x		817.635	1.518.465	726	2.091.55	13.12.2011	29.2.2012
<b>Total decisions and payments from the 2011 budget: 22</b>						<b>19</b>	<b>3</b>	<b>69.013.412</b>	<b>128.167.758</b>	<b>21.213</b>			
						86%	14%	3.136.973	5.825.807	964	6.041.94	average figures	
*) ce: Article 2(c) exceptional circumstances													
Date as of 31.3.2012													
Two further applications were withdrawn by the applicant Member States in 2011 and are thus not included in the statistics : EGF/2010/023 ES/Lear from Spain and EGF/2010/024 NL/ABN Amrobank from the Netherlands.													

*Tabella 3 — Kontribuzzjonijiet tal-FEG mogħtija l-2011: Profil tal-ħaddiema*

	2009/019 FR Renault	2010/007 AT Steiermark-Niederösterreich	2010/008 AT AT&S	2010/010 CZ Unilever	2010/013 PL Podkarpacie	2010/017 DK Midtjylland machinery	2010/019 IE Construction 41	2010/020 IE Construction 43	2010/021 IE Construction 71	2010/022 DK Glasfiber	2010/025 DK Odense Steel Shipyard	2010/026 PT Rohde	2010/027 NL N Brabant Div 18	2010/028 NL Overijssel Div 18	2010/029 NL Z Holland /Utrecht Div 18	2010/030 NL N Holland /Flevoland Div 18	2010/031 BE GM Belgium	2011/001 AT Nieder- & Oberösterreich	2011/002 IT Trentino Alto Adige	2011/003 DE Arnsberg-Düsseldorf	2011/004 EL Aldi Hellas	2011/005 PT Norte-Centro	Total	%	
<b>Workers targeted for EGF Assistance</b>																									
Men	2.987	343	43	219	154	251	2.945	2.132	384	606	903	88	129	139	520	358	2.430	431	483	709	155	248	16.657	78,52%	
Women	595	13	31	241	46	74	260	96	170	219	47	592	70	75	280	193	404	71	45	69	487	478	4.556	21,48%	
% women	16,6%	3,7%	41,9%	52,4%	23,0%	22,8%	8,1%	4,3%	30,7%	26,5%	4,9%	87,1%	35,2%	35,0%	35,0%	35,0%	14,3%	14,1%	8,5%	8,9%	75,9%	65,8%	21,5%		
<b>Total workers targeted</b>	<b>3.582</b>	<b>356</b>	<b>74</b>	<b>460</b>	<b>200</b>	<b>325</b>	<b>3.205</b>	<b>2.228</b>	<b>554</b>	<b>825</b>	<b>950</b>	<b>680</b>	<b>199</b>	<b>214</b>	<b>800</b>	<b>551</b>	<b>2.834</b>	<b>502</b>	<b>528</b>	<b>778</b>	<b>642</b>	<b>726</b>	<b>21.213</b>	<b>100%</b>	
<b>of which:</b>																									
EU Citizen	3.468	354	72	460	200	325	3.205	2.228	554	825	950	680	187	201	752	518	2.693	396	401	700	632	726	20.527	96,77%	
Non-EU Citizen	114	2	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	12	13	48	33	141	106	127	78	10	0	686	3,23%
15-24	4	96	2	42	21	28	389	821	5	84	58	1	36	39	144	99	11	77	41	19	43	3	2.063	9,73%	
25-54	999	246	65	358	121	247	2.345	1.276	509	655	726	632	109	117	440	303	2.717	387	434	587	597	709	14.579	68,73%	
55-64	2.579	14	7	60	40	50	391	109	33	79	162	45	50	54	200	138	105	38	52	172	2	14	4.394	20,71%	
65+	0	0	0	0	18	0	80	22	7	7	4	2	4	4	16	11	1	0	1	0	0	0	177	0,83%	
Workers with health problem or disability	422	11	0	n/a	n/a	0	0	0	0	n/a	0	7	8	9	32	22	42	51	n/a	136	n/a	3	743	3,5%	
- workers 65+ may have been included by some MS in the '55-64' age group																									
- where the number of people with a health problem or a disability is high, the company may have had a policy of employing people with disabilities																									

#### *4.2.1. Azzjonijiet iffinanzjati bl-assistenza tal-FEG*

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jistabbilixxi li l-FEG jista' jikkofinanzja biss miżuri attivi tas-swieg tax-xogħol bil-ġhan li jgħin lill-ħaddiem li ngħataw is-sensja jerġgħu jibdew jaħdmu. Barra minn hekk, jiddikjara li l-FEG jista' jiffinanzja l-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, tagħrif, reklamar u kontroll ta' Stat Membru għall-użu tal-finanzjament ("attivitajiet ta' implimentazzjoni", li qabel kienu msejħa "assistenza teknika").

Il-miżuri approvati għat-22 kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija fl-2011 kellhom l-ġhan li jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol lil 21 213-il ħaddiem li ngħataw is-sensja. Kienu jikkonsistu primarjament f'assistenza fit-tiffix tax-xogħol u ġestjoni tal-każ intensivi u personalizzati inkluża riċerka għas-sejbien ta' xogħol ma' impjegaturi potenzjali, varjetà ta' taħriġ vokazzjonali, miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, bosta incenġivi/gratifikasi finanzjarji temporanji tul-l-eżistenza tal-miżuri ta' appoġġ attivi sal-perjodu ta' integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol, xi pariri matul il-fażi inizjali fl-impiegħeg il-ġdid u tipi ta' attivitajiet oħrajn bħall-promozzjoni tal-intraprenditorija/ħolqien tan-negozji, impiegħi appoġġati u inċentivi ta' darba għall-għoti ta' impiegħ/reklutaġġ.

Meta fasslu l-pakketti ta' appoġġ tagħhom, l-Istati Membri ħadu f'kunsiderazzjoni l-isfondi, l-esperjenzi u l-livelli edukattivi tal-ħaddiem, l-abilità tagħhom li jkunu mobbli u aġġornati jew l-opportunitajiet mistennija tax-xogħol fir-reġjuni kkonċernati.

#### *4.2.2. Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE)*

Il-FEG huwa mfassal sabiex permezz ta' miżuri attivi tas-swieg tax-xogħol iżid l-impiegabbiltà u jiżgura l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impiegħeg malajr għall-ħaddiem li ngħataw is-sensja, u b'hekk jimxi id f'id mal-FSE, li huwa strument importanti għall-promozzjoni tal-impiegħi fl-UE. Ġeneralment, il-kumplimentarjetà taż-żewġ Fondi tinstab fl-abilità tagħhom li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet minn żewġ perspektivi ta' żmien differenti: filwaqt li l-FEG jipprovdi assistenza mfassla eżatta għall-ħaddiem mogħtija s-sensja bħala tweġiba għal avveniment speċifiku ta' għot ta' sensji tal-massa fuq skala Ewropea, il-FSE jappoġġa għanijiet strateġiċi u fit-tul (eż. iżid il-kapital uman, ġestjoni tal-bidla) permezz ta' programmi pluriennali pprogrammati minn qabel, li r-riżorsi tagħhom, normalment, ma jkunux jistgħu jiġi allokkati mill-ġdid biex jiġi indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi kkaġġunati minn sensji tal-massa. Xi kultant, il-miżuri tal-FEG u l-FSE jintużaw biex jikkumplimentaw lil xulxin sabiex jipprovdu soluzzjonijiet għal perjodu ta' żmien qasir u fit-tul. Il-kriterju deċiżiv huwa l-potenzjal tal-istumenti disponibbli sabiex jgħinu lill-ħaddiem b'mod effettiv, u huwa f'idejn l-Istati Membri li jagħżlu — u li jipprogrammaw — l-istumenti u l-azzjonijiet li jkunu l-iktar xierqa għall-kisba tal-għanijiet fil-mira.

Il-kontenut tal-"*pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati*" li jrid jiġi kkofinanzjat mill-FEG għandu jkun **ibbilanċjat** ma' azzjonijiet oħrajn u għandu **jimxi id f'id** magħhom. Il-miżuri kkofinanzjati mill-FEG jistgħu jmorru ferm lil hinn mill-miżuri u l-azzjonijiet standard, u l-esperjenza wriet li l-FEG jippermetti lill-Istati Membri sabiex joffru lill-ħaddiem li rċevew is-sensja assistenza mfassla b'mod iktar personalizzat u iktar profonda milli kien ikun possibbli mingħajr il-FEG, inklużi miżuri li normalment ma kienx ikollhom aċċess għalihom (eż. edukazzjoni tat-tieni jew tat-tielet livell). Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri sabiex jiffokaw b'mod iktar partikolari fuq il-persuni vulnerabbli, bħal dawk b'ħiliet baxxi jew dawk

bi sfond ta' migrazzjoni, u biex jipprovdu appoġġ bi proporzjon bejn konsulent u ġaddiem aħjar u/jew fuq perjodu ta' żmien itwal minn dak li kien ikun possibbli mingħajr il-FEG. Dan kollu jkabbar il-prospetti tal-ħaddiema biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom.

Eżempji speċifiċi ta' kumplimentarjetà tajba bejn il-Fondi Strutturali u 1-FEG jistgħu jinstabu f'każ wieħed ippeżentat mid-Danimarka (settur tat-tarzna) u fi tliet każijiet ippreżentati mill-Irlanda relatati mas-settur tal-kostruzzjoni. Rigward l-ewwel każ (EGF/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard), il-miżuri tal-FEG tfasslu sabiex jikkumplimentaw l-azzjonijiet meħuda mill-Forum regionali għat-Tkabbir li għandu l-għan li jippromwovi industriji tat-Tkabbir ġodda fīż-żona fuq perjodu ta' żmien twil, u li jirċievi finanzjament mill-FSE u l-FEŻR. Barra minn hekk, din il-kontribuzzjoni tal-FEG qiegħda tintuża mid-Danimarka biex jiġi ttestjat it-taħriġ f'setturi ġodda u f'metodi ġodda ta' forniment, għal inklużjoni potenzjali fi programmi popolari jekk l-implimentazzjoni tal-FEG tagħti riżultati li jirnexxu.

Rigward l-iktar każijiet Irlandiżi riċenti (EGF/2010/019, EGF/2010/020, EGF/2010/021) u dawk sussegwenti, mill-2010 il-FEG ġie inkluż fil-proċess tal-Kumitat ta' Monitoraġġ għall-Koordinazzjoni tal-Fondi tal-UE skont il-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali, ippresedut mid-Dipartiment tal-Finanzi u stabbilit biex jittratta kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007-2013. Dan il-Kumitat jiddiskuti kwistjonijiet ta' relevanza inkluża d-demarkazzjoni tal-fondi fi programmi operattivi u pjanijjiet għal programmi ġodda biex jiġi żgurat li l-Fondi ma jissovrapponux lil xulxin.

L-Istati Membri kollha jridu jimplimentaw il-mekkaniżmi meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju mill-istrumenti finanzjarji tal-UE, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

#### **4.3. Każijiet li ma jissodisfaww il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG**

La l-Kummissjoni u lanqas l-Awtorità tal-Baġit ma ċaħdu xi applikazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri għal finanzjament mill-FEG.

#### **4.4. Riżultati miksuba mill-FEG**

Is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-FEG huma r-rapporti finali ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Dawn huma s-supplimentati b'informazzjoni kondivija mill-Istati Membri f'kuntati diretti mal-Kummissjoni u matul il-laqgħat u l-konferenzi ta' koordinazzjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri matul is-sena. Ir-riżultati u d-dejta rrapportati mill-Istati Membri fl-2011 huma mogħtija f'sinteżi f'din it-Taqsima u fit-Tabella 4.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni rċiviet rapporti finali għal 20 kontribuzzjoni mill-FEG (mill-2008, meta r-riżultati tal-ewwel każijiet tal-FEG tqiegħdu għad-dispożizzjoni, sa Diċembru 2011), u dawn jirrappreżentaw madwar 20 % tan-numru totali ta' applikazzjoni (97) riċevuti sa Diċembru 2011. Ħmistax minn dawk l-20 każ ġew analizzati wkoll mill-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu mwettqa fl-2011 (ara t-Taqsima 4.7.5). Minħabba r-riżultati finali limitati sa issa, għadu kmieni wisq biex jinstiltu konklużjonijiet definitivi dwar il-valur miżjud tal-appoġġ mill-FEG u dwar l-impatt fuq il-ħaddiema li rċievew is-sensja u fuq is-swieq tax-xogħol. Hekk kif jitqiegħdu għad-dispożizzjoni iktar riżultati finali ta' każijiet b'perjodu ta' implementazzjoni estiż ta' 24 xahar (wara ż-żieda minn 12 għal 24 xahar mid-data ta' applikazzjoni, li rriżultat mill-emenda tar-Regolament tal-FEG fl-2009), l-impatt tal-FEG sejjer ikun jista' jitkejjel f'iktar dettall, inkluż fl-evalwazzjoni ex-post li għandha tintemmel sal-31 ta' Diċembru 2014 (Artikolu 17(1b) tar-Regolament tal-FEG).

#### *4.4.1. Rapporti finali riċevuti mill-Istati Membri fl-2011 dwar l-implementazzjoni ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji*

Fl-2011, il-Kummissjoni rċiviet erba' rapporti finali dwar il-każijiet li ġejjin: EGF/2009/004 BE/Oost-West Vlaanderen, EGF/2009/005 BE/Limburg, EGF/2009/007 SE/Volvo u EGF/2009/008 IE/Dell. Dawn kieno l-ewwel każijiet tal-FEG għat-tliet Stati Membri kollha kemm huma, u l-ewwel każijiet li ntemmu b'perjodu ta' implementazzjoni estiż ta' 24 xahar. Kieno wkoll l-ewwel każijiet li bbenefikaw mir-rata ta' kofinanzjament ta' 65% mill-FEG wara ż-żieda mill-50% ta' qabel.

#### *4.4.2. Sommarju tar-riżultati u l-prattiki tajba rrapporati fl-2011*

L-erba' rapporti finali ppreżentati mit-tliet Stati Membri wrew li fi tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni tal-FEG, 2 352 ħaddiem (45,0% ta' 5 228) kieno sabu impieg ġdid jew kieno ħaddiema li jaħdu għal rashom. L-oħrajn jew kieno f'istituzzjoni edukattiva jew kieno qegħdin jagħmlu taħriġ (madwar 10,9%), jew qiegħda jew inattivi għal raġunijiet personali (NEET: barra mill-edukazzjoni, impieg jew taħriġ): madwar 44,1%.

B'mod simili għall-2010, ir-riżultati f'termini ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol kieno affettwati mill-kapaċitajiet ta' assorbiment imnaqqsa tas-swieq tax-xogħol lokali u reżjonali bħala konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Ta' min jgħid li r-rata ta' integrazzjoni mill-ġdid tipprovd biss daqqa t'għajnej lejn is-sitwazzjoni tal-impieg tal-ħaddiema fil-mument li fih inġabret id-dejta. Ma tagħti ebda tagħrif dwar it-tip ta' impieg u l-kwalità tax-xogħol li nstab, u tista' tinbidel b'mod notevoli f'qasir żmien. Skont l-informazzjoni riċevuta minn bosta Stati Membri fl-2011 u l-2011, ir-rati ta' integrazzjoni mill-ġdid għandhom it-tendenza li jiżdiedu anki ftit xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapporati finali u jiżdiedu iktar fuq perjodu ta' żmien medju, speċjalment f'każijiet li fihom il-ħaddiema jkkomplu jirċievu l-assistenza mfassla eż-żebbu għalihom wara l-perjodu tal-FEG, imħallsa mill-Istati Membri stess jew bl-ġħajjnuna tal-FEG.

It-tliet Stati Membri rrapporaw serje ta' fatti interessanti u informazzjoni inkoraġġanti li jindikaw li s-sitwazzjoni personali, il-fiduċja fihom infushom u l-impiegabbiltà tal-ħaddiema kkonċernati tjiebu b'mod ċar grazzi għall-assistenza u s-servizzi tal-FEG, anki jekk mhux kollha kemm huma sabu xogħol ġdid minnufi. Il-FEG ippermetta lil dawk l-Istati Membri biex jaġixxu b'mod iktar intensiv fl-oqsma affettwati mis-sensji, f'termini tan-numru ta' persuni assistiti u t-tul ta' żmien u l-kwalità tal-appoġġ, minn dak li kien ikun possibbi mingħajr il-finjanjament mill-FEG. Il-fondi tal-UE ppermettwelom iwieġbu b'mod iktar flessibbi u jinkludu fil-pakketti tagħhom azzjonijiet ferm personalizzati u xi kultant innovativi ta' kwalità għolja u b'hekk, setgħu jiddedikaw iktar īn biex jieħdu īnsieb lil nies b'inqas ħiliet u lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu impieg li huwa iktar difficiċċi tgħinhom.

Għaldaqstant, l-assistenza kkofinanzjata mill-FEG tirrappreżenta investiment miżjud fil-ħiliet, li jista' jkollu impatt pożittiv anki fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul meta s-swieq gradwalment jirkupraw mill-kriżi. Il-FEG inħass bħala strument utli fi żmien ta' limiti baġitarji spiss partikolarment akuti fl-Istati Membri u fregħjuni li jsorfu minn sensji tal-massa. Barra minn hekk, it-tliet Stati Membri setgħu jisiltu numru ta' tagħlimiet u konklużjonijiet li għandhom ikunu utli għat-ħejja u l-implementazzjoni ta' każijiet tal-FEG fil-ġejjeni.

*Tabella 4 — Rapporti finali riċevuti fl-2011 — īħarsa ġenerali lejn ir-riżultati<sup>8</sup>*

	2009 applications				Total 4 cases	
	EGF/2009/004 BE/Oost en West- Vlaanderen	EGF/2009/005 BE/Limburg	EGF/2009/007 SE/Volvo	EGF/2009/008 IE/Dell		
Sector	Textiles	Textiles	Automotive	Computers		
Date of application	5/05/2009	5/05/2009	5/06/2009	29/06/2009		
End of implementation period (as to Financing Decision)	4/05/2011	4/05/2011	4/06/2011	28/06/2011		
Final Report due date	4/11/2011	4/11/2011	4/12/2011	29/12/2011		
Workers initially targeted	1.568	631	1.500	2.400	<b>6.099</b>	
<b>Workers who actually benefited from EGF assistance</b>	<b>508</b>	<b>356</b>	<b>1.775</b>	<b>2.589</b>	<b>5.228</b>	
Total expenditure in € (EGF and MS contributions)	<b>402.236</b>	<b>296.623</b>	<b>8.731.627</b>	<b>13.619.598</b>		
EGF contribution in €	<b>144.829</b> 36,0%	<b>132.287</b> 44,6%	<b>5.675.558</b> 65%	<b>8.852.739</b> 65%		
<b>total amount spent on personalised services : (EGF and MS contributions)</b>	<b>350.332</b>	<b>275.102</b>	<b>8.310.149</b>	<b>13.230.888</b>	<b>22.166.470</b>	<b>100%</b>
% of total expenditure	87,1%	92,7%	95,2%	97,1%		
<b>expenditure and number of benefiting workers broken down per category of measures *)</b>						
Individual job search assistance & case management and general information services **)	546 <b>134.949</b>	409 <b>1.140</b>	1.775 <b>753.015</b>	2.589 <b>192.412</b>	5.319 <b>1.081.516</b>	4,9%
Training and re-training	404 <b>209.433</b>	347 <b>272.162</b>	1.021 <b>7.521.469</b>	2.806 <b>6.596.329</b>	4.578 <b>14.599.392</b>	65,9%
Promotion of entrepreneurship	0 <b>0</b>	0 <b>0</b>	25 <b>35.665</b>	490 <b>3.283.375</b>	515 <b>3.319.040</b>	15,0%
Training allowances	0 <b>0</b>	0 <b>0</b>	0 <b>0</b>	413 <b>2.451.738</b>	413 <b>2.451.738</b>	11,06%
Other allowances / grants	33 <b>5.950</b>	10 <b>1.800</b>	0 <b>0</b>	104 <b>707.034</b>	147 <b>714.784</b>	3,2%
<b>Number of workers re-integrated into employment after EGF intervention</b>	<b>335</b>	<b>259</b>	<b>1.201</b>	<b>557</b>	<b>2.352</b>	
% re-integrated into employment	<b>65,9%</b>	<b>72,8%</b>	<b>67,7%</b>	<b>21,5%</b>		<b>45,0%</b>
( out of which self-employed )	9	5	18	191	223	4,3%
Total number of people in education or in training (while unemployed)	0	0	344	227	<b>571</b>	<b>10,9%</b>
% in education or in training	0,0%	0,0%	19,4%	8,8%		
Total number of workers unemployed or inactive for various personal reasons ***)	173	97	230	1.805	<b>2.305</b>	<b>44,1%</b>
% unemployed or inactive	34,1%	27,2%	12,9%	69,7%		

\*) workers could benefit from measures in different categories and also from more than one action in each category - this is why the number of workers for a category of measures can be higher than the total number of beneficiaries  
\*\*) intensive, personalised job search and re-integration assistance, such as career guidance, skills certification, personalised action plans, market prospection and job matching etc; open information services for jobseekers  
\*\*\*) 'inactive' can mean that people are not available for the labour market any longer for different personal reasons such as start of pension etc.

No measures were carried out under the following categories:  
'job rotation and job sharing', 'employment and recruitment incentives', 'supported employment & rehabilitation', 'direct job creation'.

#### 4.4.3. Dettalji dwar il-miżuri implementati, kif ikkomunikat fir-Rapporti Finali riċevuti fl-2011

##### *EGF/2009/004 Oost-West Vlaanderen/Belgium (tessuti)*

Il-perjodu ta' implementazzjoni mogħti mid-Deċiżjoni ta' Finanzjament intemm fl-4 ta' Mejju 2011. Mill-508 ħaddiema li ħadu sehem fil-miżuri kkofinanzjati mill-FEG, 335 (65,9%) daħlu fis-suq tax-xogħol mill-ġdid fi tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni (disgħa

<sup>8</sup> Din it-Tabella tfasslet mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-miżuri implementati mill-Istati Membri kif irrapportati fir-rapporti finali tagħhom. Il-kategoriji tal-miżuri huma simili, iżda mhux identiċi, għall-metodoloġija tal-Eurostat deskritta fid-Database dwar il-politiki tas-swieq tax-xogħol — Metodoloġija — Reviżjoni ta' Ġunju 2006 (*Labour market policy database — Methodology — Revision of June 2006*). Uħud mill-miżuri kkofinanzjati, bħal gratifikasi għat-tiflix tax-xogħol, gratifikasi għat-tiflix u gratifikasi għas-sussistenza matul il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, ma jaqgħu taħt l-ebda kategorija tal-Eurostat.

minnhom ħaddiema li jaħdmu għal rashom), u l-bqija, 173 (34,1%) kienu qiegħda jew inattivi għal raġunijiet personali differenti (NEET).

#### *EGF/2009/005 Limburg/Belgium (tessuti)*

Il-perjodu ta' implementazzjoni mogħti mid-Deċiżjoni ta' Finanzjament intemm fl-4 ta' Mejju 2011. Mit-356 ħaddiem li ħadu sehem fil-miżuri kkofinanzjati mill-FEG, 259 (72,8%) reġgħu daħlu fis-suq tax-xogħol fi tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni (ħamsa minnhom ħaddiema li jaħdmu għal rashom), u s-97 (27,2%) li fadal kienu qiegħda jew inattivi għal raġunijiet personali differenti (NEET).

L-awtoritajiet Belġjani rrapporṭaw li ż-żewġ kontribuzzjonijiet tal-FEG kienu ppermetewlhom jipprovd assistenza u taħriġ imfassla eż-żgħix għall-ħaddiema tas-settur tat-tessuti li ngħataw iss-sensja, li jew għenuhom isibu impjiegi ġodda jew saħħewlhom il-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri ta' kofinanzjament tal-FEG ġew ipprovduti mis-servizz ta' impjiegi u taħriġ professjonali Fjamming (VDAB) u ċ-ċentru ta' taħriġ settorjali għall-industrija tessili (COBOT). Koprew appoġġ ta' tiflix għal impjiegi individwali inkluża l-validazzjoni ta' hili et-eżistenti relatati mat-tessili, assistenza għal *outplacement* estiżha għall-gruppi tal-etajet kollha, firxa ta' miżuri ta' taħriġ għall-kisba ta' kompetenzi ġeneriċi u hili fl-intervisti, taħriġ vokazzjonali mfassal biex jinstab impjieg ġdid f'setturi u karigi ġodda, taħriġ imfassal għall-ħaddiema ta' iktar minn 50 sena kif ukoll taħriġ/gwida għall-karrieri ssoktati għal dawk li sabu impjieg ġdid bil-għan li titjeb is-sodisfazzjoni u l-abilità tagħhom biex jibqgħu fl-impjieg il-ġdid.

Uħud mill-aktivitajiet implementati ġew inkorporati fi skemi determinati minn qabel li jircieu finanzjament federali u reġjonali u li għamluha possibbli sabiex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni tal-FEG. Minħabba ċ-ċirkostanzi amministrattivi partikolari tiegħi, il-Belġju kkontribwixxa għal 36% (EGF/2009/004) u 44,6% (EGF/2009/005) biss mill-ispejjeż attwali totali għall-FEG, minflok il-massimu ta' 65% permess. L-awtorità ta' ġestjoni siltet numru ta' tagħlimiet u konklużjonijiet li għandhom ikunu utli għal applikazzjonijiet tal-FEG futuri.

#### *EGF/2009/007 Volvo/Sweden (settur awtomobilistiku)*

Il-perjodu ta' implementazzjoni mogħti mid-Deċiżjoni ta' Finanzjament intemm fl-4 ta' Ġunju 2011. Mill-1 775 ħaddiem li ħadu sehem fil-miżuri kkofinanzjati mill-FEG, 1 201 (67,7%) reġgħu daħlu fiq-suq tax-xogħol fi tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni (18 minnhom ħaddiema li jaħdmu għal rashom), 344 (19,4%) kienu f'iż-istituzzjoni edukattiva jew kienu qiegħdin jagħmlu taħriġ u l-230 (12,9%) li kien jifdal huma meqjusa qiegħda jew inattivi (NEET) billi telqu s-servizz tal-impjieg għal bosta raġunijiet. Skont l-awtoritajiet Svediżi, il-proġetti tal-FEG irnexxa f'termini ta' integrazzjoni mill-ġdid wara l-implementazzjoni tal-proġetti, meta mqabbel ma' proġetti oħrajn fl-Isvezja.

Il-miżuri kkofinanzjati mill-FEG kellhom importanza kbira għal dawk li kienu ħaddiema tal-Volvo billi permezz tagħhom, huma setgħu jżidu l-hili et tagħhom għal suq tax-xogħol usa' filwaqt li fl-istess ħin ipprovdilhom żvilupp personali u sigurtà finanzjarja. Il-kontribuzzjoni mill-FEG ippermettiet lill-awtoritajiet Svediżi biex jipprovd varjetà ta' miżuri ta' kwalifikazzjoni, inkluż taħriġ vokazzjonali mmirrat lejn xogħlijiet fejn it-tibdil ġenerazzjonali kien beda jitqies bħala problema. It-taħriġ fl-intraprenditorja mar ferm lil hinn minn dak li normalment jiġi offrut fis-servizz pubbliku tal-impjieg. Ingħatat attenzjoni partikolari għall-kwalità tat-taħriġ ikkofinanzjat mill-FEG (ġew applikati klassifikazzjonijiet), li jista' jsarraf f'vantaġġ kompetittiv għall-individwi kkonċernati meta mqabbla ma' ħaddiema qiegħda oħrajn li bbenefikaw minn opportunitajiet ta' taħriġ standard.

L-awtoritajiet Svediżi rrapportaw ukoll li l-proġett wassal għal kooperazzjoni ikbar bejn is-servizz pubbliku tal-impjiegi u l-fornituri ta' edukazzjoni adulta nazzjonali, regionali u lokali. It-taħlita ta' politiki dwar is-suq tax-xogħol ma' riżorsi mid-dinja tal-edukazzjoni tqieset bħala valur miżjud notevoli b'effett multiplikatur pożittiv. Is-sejbiet u t-tagħlimiet miksuba mill-proġett Volvo se jkompli jkun ta' siwi għall-aktivitajiet ta' appoġġ futuri fl-Isvezja għall-persuni qiegħda.

B'mod ġenerali, l-Isvezja tqis li l-miżuri kkofinanzjati mill-FEG kien pożittivi kemm għal dawk li kien jaħdnu mal-Volvo kif ukoll għas-swieq tax-xogħol lokali kkonċernati. Filwaqt li l-impatt tagħhom f'termini finanzjarji għadu ma jistax jitkejjel, dan għandu jkun possibbli fil-ġejjeni, meta tintemm l-evalwazzjoni attwali tal-proġett mill-awtoritajiet Svediżi.

#### *EGF/2009/008 Dell/Ireland (kompjuters)*

Il-perjodu ta' implementazzjoni mogħti mid-Deċiżjoni ta' Finanzjament intemm fit-28 ta' Ġunju 2011. Mill-2 589 ħaddiem li ħadu sehem fil-miżuri kkofinanzjati mill-FEG, 557 (21,5%) reġgħu daħlu fis-suq tax-xogħol fi tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni (191 minnhom ħaddiema li jaħdnu għal rashom), 227 (8,8%) kien għadhom f'istituzzjoni edukattiva jew kien qiegħdin jagħmlu taħriġ, u l-1 805 (69,7%) li fadal kien qiegħda jew inattivi għal raġunijiet personali differenti (NEET).

L-awtoritajiet Irlandiżi rrapportaw li l-appoġġ mill-FEG estenda l-assistenza normalment disponibbli għan-nies qiegħda, u mexa id f'id mal-miżuri appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew, il-FEŻR, eċċ. Bl-ġħajnuna tal-FEG, dawk li kien jaħdnu ma' Dell ibbenefikaw minn livell miżjud ta' assistenza personalizzata fi żmien ta' qgħad li beda jiżdied b'rata mgħaġġla kemm fil-livell reġjonali kif ukoll nazzjonali. Skont l-awtoritajiet Irlandiżi, in-numru ta' persuni li reġgħu sabu xogħol jew li bdew in-negozju tagħhom stess sa tmiem il-perjodu ta' implementazzjoni kif ukoll ir-rata ogħla ta' dħul mill-ġdid f'opportunitajiet ta' edukazzjoni jew taħriġ ħallew impatt konsiderevolment pożittiv fil-livell lokali u reġjonali f'termini ekonomiċi. Il-miżuri kkofinanzjati mill-FEG ħallew impatt pożittiv ukoll fuq l-individwi f'termini ta' fiduċja fihom infuħhom imġedda u s-sens ta' dinjità li reġgħu kisbu.

Il-miżuri kkofinanzjati mill-FEG koprew firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' appoġġ ta' gwida, edukazzjoni, taħriġ u intraprenditorija u ġew ipprovduti f'kooperazzjoni mill-qrib ma' fornituri tas-servizzi lokali, regionali u nazzjonali. L-assistenza mill-FEG ippermettiet ukoll l-iżvilupp ta' għadd ta' miżuri mfassla apposta ġodda inklużi korsijiet ta' edukazzjoni għolja barra l-kurrikulu popolari, programm ta' apprendistat ġdid imfassal biex jinżammu aġġornati l-ħiliet eżistenti u sabiex in-nies jitħallew jipprattikaw il-ħiliet li jkunu għadhom kif kisbu, u l-għoti ta' taħriġ biex jinkisbu ħiliet ġodda f'setturi emerġenti jew f'setturi b'nuqqasijiet identifikati fil-ħiliet bħal fl-instrumenti mediċi, is-servizzi finanzjarji u l-loġistika. L-ghotjet biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-applikanti f'korsijiet ta' taħriġ u għotjet akkreditati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal programmi tal-edukazzjoni għolja f'kulleġġi privati approvati kienu parti mill-pakkett ukoll.

L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' Dell kienet ta' siwi għal applikazzjonijiet sussegwenti għall-FEG mill-Irlanda.

## 4.5. Reviżjoni ta' wara I-2013

Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-FEG, ir-Regolament sħiħ irid jiġi rivedut sal-31 ta' Diċembru 2013, data li taħbat eżatt ma' tmiem il-perjodu ta' pprogrammar ta' bejn l-2007 u l-2013. Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020"<sup>9</sup>, ġie enfasizzat il-bżonn li jiġu indirizzati l-isfidi immedjati, bħan-nuqqasijiet fil-livelli ta' hili, ir-rendiment baxx tal-politika attiva dwar is-suq tax-xogħol u tas-sistemi edukattivi, l-esklużjoni soċjali ta' gruppi marġinalizzati u l-mobilità baxxa tax-xogħol. Il-Kummissjoni tinsab ħerqana biex iżżomm il-FEG għaddej tul il-perjodu ta' pprogrammar li jmiss mill-2014 sal-2020, u tixtieq li matul dan il-perjodu jiġi pprovdut appoġġ speċifiku ta' darba lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala konsegwenza ta' bidliet strutturali kbar miġjuba mill-globalizzazzjoni li dejjem qiegħda tiżdied fil-mudelli ta' produzzjoni u kummerċjali. L-UE għandha tkun kapaċi tipprovdi appoġġ anki fil-każ ta' sensji fuq skala kbira li jirriżultaw minn tfixxil serju fl-ekonomiji lokali, reġjonali jew nazzjonali kkaġunati minn kriżi mhux mistennija. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għandu jiġi estiż sabiex f'ċerti każiġiet jipprovdi kumpens għall-konsegwenzi tal-ftehimiet tal-kummerċf'ċerti oqsma tal-agrikoltura.

Fl-ewwel nofs tal-2011, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Istati Membri, il-korpi implementattivi u l-imsieħba soċjali rigward l-irwol u l-potenzjal futur tal-FEG bħala strument ta' solidarjetà. Dawn inkludew żewġ Konferenzi għall-Partijiet Interessati fil-25-26 ta' Jannar 2011 u fit-8 ta' Marzu 2011, rispettivament. F'Ottubru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta<sup>10</sup> sabiex il-FEG futur jieħu f'kunsiderazzjoni r-riżultati tal-konsultazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet politiċi li jkunu saru tul l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG (ara t-Taqsima 4.7.5).

F'Novembru u Diċembru 2011, il-proposta tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata fil-livell tal-grupp ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Id-diskussjonijiet formal i fil-kumitat relevanti tal-Parlament u tal-Kunsill huma ppjanati li jsiru fl-2012 u l-2013, bil-għan li r-Regolament il-ġdid ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

## 4.6. Rapport finanzjarju

### 4.6.1. Fondi kkontribwiti mill-FEG

Matul l-2011, l-Awtorità tal-Baġit tat-22 kontribuzzjoni mill-FEG, għal total ta' EUR **128 167 758**, li jirrappreżentaw **25,6% tal-ammont annwali massimu** għad-dispożizzjoni (it-Tabella 2). Kull wieħed mit-22 pagament ġew mill-baġit tal-2011, għad li erbgħha tħall-su fil-bidu tal-2012.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006<sup>11</sup>, li jistabbilixxi l-qafas baġitarju tal-FEG, il-FEG ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 500 miljun, li jista' jittieħed minn kwalunkwe marġni eżistenti taħt il-limitu massimu globali tan-nefqa tas-sena ta' qabel, u/jew mill-approrjazzjoni jidher għall-impenji kkanċellati mis-sentejn ta' qabel, ħlief dawk taħt l-intestatura 1B tal-qafas finanzjarju. Barra minn hekk, l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-FEG jiddikjara li tal-inqas 25 % tal-ammont annwali massimu jrid ikun disponibbli fl-1 ta' Settembru ta' kull sena sabiex tīgħi koperta kwalunkwe ħtieġa li tista' tinqala' sa tmiem is-sena.

<sup>9</sup> COM(2011) 500 finali, 29.6.2011.

<sup>10</sup> COM(2011) 608 finali, 6.10.2011.

<sup>11</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**L-appropriazzjonijiet għall-impenji** għall-fondi mogħtija fl-2011 ġew trasferiti mir-riżerva tal-FEG fl-intestatura tal-baġit tal-FEG. Fl-2011, l-appropriazzjonijiet għal pagamenti ttieħdu minn sorsi differenti mill-imgħoddi, sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun l-użu ta' fondi tal-FSE. Fil-bidu tas-sena, ammont ta' EUR 47 608 950 (inklużi EUR 610 000 għall-assistenza teknika mill-FEG) ġie kkreditat għall-intestatura tal-baġit tal-FEG. Ammont ieħor ta' EUR 50 000 000 żdied permezz ta' baġit emendantorju. Matul it-trasferiment globali, ġew identifikati u ttrasferiti EUR 5 460 495 lejn il-FEG. Finalment, EUR 29 650 344 ġew ittrasferiti minn intestatura tal-FSE.

Il-pagamenti li saru għall-2011 (EUR 128 167 758) kienu 54,1% ogħla minn dawk għall-2010 (EUR 83 171 941 għal 30 kontribuzzjoni mogħtija<sup>12</sup>).

#### 4.6.2. Nefqa għal assistenza teknika

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, sa 0,35% mir-riżorsi finanzjarji disponibbli għas-sena (massimu ta' EUR 1,75 miljun) jistgħu jintużaw fil-forma ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal attivitajiet bħal appoġġ informattiv, amministrattiv u tekniku, u attivitajiet ta' monitoraġġ, awditjar, kontroll u evalwazzjoni meħtieġa biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-FEG. Fl-2011, tqiegħed għad-dispożizzjoni ammont ta' EUR 610 000 għal assistenza teknika<sup>12</sup> dwar l-attivitajiet elenkti fit-Tabella 5. Il-EUR 1 140 000 li kien jifdal potenzjalment disponibbli għal assistenza teknika matul is-sena ma ntużax.

Id-differenza ewlenija bejn l-ammont ibbaġitjat u n-nefqa attwali żdied fil-kategorija tal-Informazzjoni, fejn il-kontribuzzjoni meħtieġa mill-FEG għal pubblikazzjonijiet ġenerali dwar l-impjegi u l-affarijiet soċjali b'relevanza għall-FEG kienu ferm inqas minn dawk mistennja.

*Tabella 5 — Nefqa għal assistenza teknika 2011*

Deskrizzjoni	Ammont ibbaġitjat EUR	Ammont attwali EUR
Informazzjoni (eż. aġġornament/espansjoni tal-websajt tal-FEG bil-lingwi kollha tal-UE, pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjobiżvi)	250 000	74 685,24
Appoġġ amministrattiv u tekniku - Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG - Seminars fuq l-implimentazzjoni tal-FEG (seminars tal-2012 għall-iskambju informazzjoni u esperjenzi dwar il-baġit tal-2011)	70 000 200 000	61 404,21 268 595,79
Monitoraġġ (it-tieni Ħarsa Ġenerali Statistika tal-FEG 2007-2011)	20 000	19 883,00
Ħolqien ta' bażi tal-għarfien (iddisinjar ta' formola elettronika għal applikazzjonijiet)	70 000	59 300,00
Awditjar, kontroll, evalwazzjoni: Fl-2011, ma ntużaw ebda kontribuzzjoni jiet għal dawn li-kategoriji (l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG, kif meħtieġ mill-Artikolu 17(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, diġà ien net ingħatat bħala kuntratt estern fl-2010; u l-awditjar li twettaq fl-2011 kien iffinanzjat minn sorsi oħra jn tal-Kummissjoni Ewropea)		

<sup>12</sup>

ĠU L 154, 19.6.2010, p. 27.

<b>Total</b>	<b>610 000</b>	<b>483 868,24</b>
--------------	----------------	-------------------

#### 4.6.3. Irregolaritajiet irrapportati jew magħluqa

Ma kien hemm ebda irregolarità rrapporata lill-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-FEG fl-2011.

Ma kien hemm ebda irregolarità magħluqa fl-2011 skont ir-Regolament tal-FEG.

#### 4.6.4. Stralċ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-FEG jistabbilixxi 1-proċeduri għall-istralċ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG. Fl-2011, ġew stralċati t-tielet serje ta' kontribuzzjonijiet tal-FEG sa mit-twaqqif tal-Fond. Dawn kienu l-ħames każijiet murija hawn taħt, li ġew implimentati fis-snin sal-2010 (perjodu ta' implettazzjoni ta' 12-il xahar mid-data ta' applikazzjoni u kofinanzjament ta' 50% mill-FEG).

*Tabella 6 — Każijiet stralċati fl-2011*

(all amounts in EUR)	EGF/2007/005 Sardegna / Italy	EGF/2007/007 Lombardia / Italy	EGF/2008/001 Toscana / Italy	EGF/2008/005 Catalonia / Spain	EGF/2009/001 North/Centre / Portugal	Total for 5 cases
	Textiles	Textiles	Textiles	Textiles	Textiles	
Date of application	9/08/2007	17/08/2007	12/02/2008	29/12/2008	23/01/2009	
Year of approval by the Budgetary Authority	2008	2008	2008	2009	2009	
Final Report due date	8/02/2009	16/02/2009	11/08/2009	28/06/2010	22/07/2010	
Winding up date	18/08/2011	31/08/2011	31/08/2011	25/02/2011	20/01/2011	
<b>EGF contribution granted (50 %)</b>	<b>10.971.000</b>	<b>12.534.125</b>	<b>3.854.200</b>	<b>3.306.750</b>	<b>832.800</b>	<b>31.498.875</b>
<b>Certified EGF share of actual expenditure (50 %) as stated in the Final Reports</b>	<b>1.686.211</b>	<b>591.331</b>	<b>803.279</b>	<b>532.116</b>	<b>246.492</b>	<b>3.859.428</b>
<b>Budget implementation %</b>	<b>15,4%</b>	<b>4,7%</b>	<b>20,8%</b>	<b>16,1%</b>	<b>29,6%</b>	<b>(average 12,3 %)</b>
Unspent funds reimbursed to the Commission	9.284.790	11.942.794	3.050.922	2.774.634	586.308	<b>27.639.447</b>
	84,6%	95,3%	79,2%	83,9%	70,4%	<b>87,7%</b>

L-implimentazzjoni tal-baġit varjat bejn **4,7 % u 29,6 %**. L-ammont totali ta' fondi li ma ntefqu li kellhom jintraddu lura lill-Kummissjoni għal dawn il-ħames każijiet kien ta' EUR **27 639 447**.

Hemm bosta raġunijiet għaliex l-Istati Membri ma użawx l-ammonti sħaħ li ngħatawlhom. Filwaqt li l-Istati Membri kienu mħeġġa jagħmlu stimi realistiċi tal-baġit għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, jista' jkun hemm nuqqas ta' ppjanar preċiż u informat. Jista' jkun li ġie inkluż marġni ta' sikurezza għoli wisq fil-kalkoli inizjali li finalment ma kienx meħtieġ. In-numru ta' ħaddiema li xtaqu jieħdu sehem fil-miżuri proposti seta' kien stmat b'mod eċċessiv fil-fażi ta' ppjanar, uħud mill-ħaddiema setgħu għażlu miżuri li jiswew inqas minflok dawk li kienu l-iktar għoljin jew miżuri fil-qosor minflok oħrajn fit-tul, jew forsi sabu xogħliljet ġodda qabel dak li kien mistenni. Raġunijiet oħrajn għall-inf iqaxx setgħu kienu dewmien fit-tnedja tal-miżuri u nuqqas ta' użu tal-flessibilità tal-allokazzjoni mill-ġdid tal-ammonti ta' finanzjamenti bejn elementi differenti tal-baġit matul l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' servizzi personalizzati.

Meta jitqabblu l-40 rapport finali disponibbi sa Lulju 2012 (każijiet li ngħalqu u każijiet li għadhom qed jingħalqu), joħroġ biċ-ċar li matul il-fażi inizjali tal-Fond (meta l-perjodu ta'

implimentazzjoni kien ta' 12-il xahar biss) l-Istati Membri kellhom xi problemi biex jonfqu l-fondi allokati fil-perjodu ta' żmien li kien ingħatalhom. Ir-rapporti finali li waslu minn tmiem l-2011 'il quddiem jirrigwardaw każijiet b'perjodu ta' implementazzjoni itwal (24 xahar mid-data tal-applikazzjoni) u indikaw li l-Istati Membri kienu bdew jippjanaw il-baġits tagħhom b'mod aktar realistiku, bdew jagħtu bidu għall-miżuri qabel, u bdew jibbaġitjaw il-miżuri mill-ġdid skont kif ikun meħtieġ matul l-implementazzjoni. Għaldaqstant, ir-rata ġenerali ta' rkupru kienet qiegħda tonqos u l-fondi tal-FEG qed jintefqu kif pjanat. Il-Kummissjoni kienet qiegħda tgħin lill-Istati Membri permezz ta' tagħrif regolari u seminars spċifici biex il-fond ikun ġestit bl-aqwa mod. Dan fisser li r-rata ta' rkupru għolja ta' l fuq minn 60 % għall-każijiet fl-2007 naqqset bin-nofs għal madwar 30 % fl-2008 u hemm x'juri li dan il-livell se jinżamm għall-każijiet tal-2009. L-ewwel rapport finali għal każ ippreżentat fl-2010 juri rata ta' rkupru ta' inqas minn 10 %

L-ibbaġittjar tal-miżuri u t-tbassir tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema mill-Istati Membri huma mistennija jitjiebu bl-esperjenza, u l-Istati Membri digħi qiegħdin jabbozzaw u jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-FEG b'effiċjenza ikbar meta mqabbla mas-snin tal-bidu. Qed jitjiebu wkoll iż-żmien meta jasal il-finanzjament tal-FEG fil-lokalità, il-kapaċitajiet tal-bosta strutturi ta' koordinazzjoni u implementazzjoni u l-kwalitā tal-komunikazzjoni bejn il-livelli nazzjonali u l-livelli regionali/lokali. L-Istati Membri qiegħdin jagħmlu wkoll użu aħjar mill-possibilità li jirrevedu l-baġits tagħhom u jallokaw mill-ġdid in-nefqa bejn il-bosta miżuri u/jew nefqa ta' implementazzjoni. Fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE, saru, u qiegħdin isiru, sforzi kbar biex jitħaffu l-proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-pagament tal-fondi tal-FEG, biex iż-żmien u l-fondi pprovduti jkunu jistgħu jintużaw bl-aħjar mod possibbli. F'Marzu 2012, għie organizzat seminar spċificu mill-Kummissjoni għar-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati bosta kwistjonijiet relatati maż-żmien u l-effiċjenza tal-implementazzjoni tal-Fond.

#### *4.6.5. Rimborżi oħrajn*

Minbarra l-ammonti mroddija lura murija fit-Tabella 6, kontribuzzjoni waħda tal-FEG mogħtija fl-2010 ġiet rimborżata lill-Kummissjoni kollha kemm hi: **EUR 382 200** għall-applikazzjoni EGF/2010/023 (Lear), li ġiet irtirata mill-awtoritajiet Spanjoli fl-2011.

### **4.7. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni**

#### **4.7.1. Informazzjoni u reklamar**

##### Websajt fuq l-internet

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jitlob lill-Kummissjoni sabiex "twaqqaf sit tal-internet li jkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-Komunità, liema sit għandu jipprovdi tagħrif dwar l-EGF, gwida dwar it-tfiegħ tal-applikazzjonijiet, u tagħrif aġġornat dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, filwaqt li jenfasizzaw l-irwol tal-awtoritā baġitarja".

B'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 9, is-sit tal-internet tal-FEG (<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt>) stabbilit mill-Kummissjoni huwa disponibbli f'kull waħda mit-23 lingwa tal-UE, inkluż l-Irlandiż. Il-websajt tal-FEG irregjistrat 284 181 pagħna kkonsultati minn 37 384 viżitatur fl-2011.

##### Azzjonijiet promozzjonali mwettqa fl-2011

Il-Kummissjoni fasslet pubblikazzjoni, bl-ġħajnuna ta' ġurnalisti, intitolata "Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-Azzjoni — Stejjer dwar opportunitajiet maħluqa mill-FEG". Dan il-fuljett, disponibbli minn fuq il-websajt tal-FEG, jiddeskrivi l-impatt ta' azzjonijiet konkreti tal-FEG f'ħames Stati Membri tal-UE (il-Ġermanja, Spanja, il-Finlandja, il-Litwanja u l-Portugall) u ċ-ċirkostanzi li sawwru l-azzjonijiet speċifiki. F'kull każ, il-ħaddiema individwali li kienu ngħataw is-sensja u li mbagħad ibbenefikaw mill-appoġġ mill-FEG jitkellmu dwar l-istejjer personali tagħhom. Ix-xhieda impressjonanti juru kif il-FEG għen lil dawn il-ħaddiema sabiex itejbu s-sitwazzjonijiet personali tagħhom fi żmien diffiċli f'ħajjithom. Il-ħames każijiet kienu: EGF/2007/004 FI/Perlos, EGF/2008/003 LT/Alytaus Tekstilè, EGF/2008/004 ES/ Castilla y León & Aragón, EGF/2009/001 PT/Norte-Centro u EGF/2009/002 DE/Nokia.

## EuroBarometer

L-edizzjoni speċjali tal-EuroBarometer dwar il-"Politika soċjali u tal-impjiegi Ewropea" ("European employment and social policy", EBS 377<sup>13</sup>) ta' Settembru-Ottubru 2011 tinkludi mistoqsija dwar il-FEG li diġà saret f'Servejs précédenti tal-EuroBarometer (Ottubru 2008 u Ġunju 2009) biex jiġu ssorveljati l-bidliet fl-għarfien dwar il-Fond.

L-għażla ta' tweġibiet għall-mistoqsija "Ġieli smajt jew qrajt dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li huwa fond li jgħin lill-vittmi tal-globalizzazzjoni?" kienet kif ġej:

- "Iva, u jien midħla sew tiegħu", jew
- "Iva, imma m'inix midħla sew tiegħu", jew
- "Le, qatt ma smajt jew qrajt dwaru".

Ir-riżultati tal-2011 juru żieda żgħira fl-għarfien dwar il-Fond meta mqabbel mar-riżultati tal-2009: madwar l-UE, 32 % ta' dawk li wieġbu kienu semgħu bil-FEG, u 6 % minnhom iddikjaraw li kien "midħla sew" tiegħu. Tmienja u sittin fil-mija ta' dawk li saritilhom il-mistoqsija wieġbu li qatt ma semgħu bil-FEG — dan is-sehem għadu għoli għad li mar għall-aħjar bi 2 % meta mqabbel mal-istħarriġ ta' qablu.

### *4.7.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati tal-FEG*

Is-seba' u t-tmien laqgħat tal-Persuni ta' Kuntatt tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li huma r-rappreżentanti tal-FEG fl-Istati Membri, saru fid-9 ta' Marzu 2011 u fl-20 ta' Ottubru 2011 fi Brussell. Parti minn kull laqgħa kienet iddedikata għad-diskussjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi estiża d-"deroga għall-kriżi" wara t-30 ta' Diċembru 2011<sup>4</sup> u r-reviżjoni tar-Regolament attwali tal-FEG, bil-proposta tal-Kummissjoni għall-issokktar tiegħu matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2020<sup>10</sup>.

Fil-25-26 ta' Jannar 2011 u fit-8 ta' Marzu 2011, saru żewġ Konferenzi għall-Partijiet Interessati fi Brussell biex jiġi diskuss il-ġejjeni tal-FEG (wara l-2011 u l-2013). Dawn ġew iffinanzjati mill-baġit għall-assistenza teknika tal-2010 (l-Art. 8(1) tar-Regolament tal-FEG).

Is-Seminar tal-awdituri tal-FEG (iffinanzjat mill-baġit għall-assistenza teknika tal-2010) sar fis-7 ta' April 2011 fi Brussell.

### *4.7.3. Iddisinjar ta' formola elettronika għal applikazzjonijiet*

Wara sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni tat il-kuntratt għall-iddisinjar ta' formola elettronika ta' applikazzjoni tal-FEG lil kumpanija esterna. L-iskop tal-formola l-ġdid kien li jitnaqqas iż-żmien li jgħaddi bejn meta tithejjha l-applikazzjoni minn Stat Membru sal-adozzjoni tal-Proposta ppreżentata mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### *4.7.4. It-tieni Ħarsa Ġenerali Statistika tal-EGF 2007-2011*

Wara sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni tat il-kuntratt għall-ħolqien tat-tieni Ħarsa Ġenerali Statistika tal-FEG 2007-2011 lil kumpanija esterna. Il-Ħarsa Ġenerali għandha tiġi ppubblikata fl-ewwel nofs tal-2012.

<sup>13</sup>

[http://ec.europa.eu/public\\_opinion/archives/ebs/ebs\\_377\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_377_en.pdf)

#### *4.7.5. Evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG*

Kif mitlub mill-Artikolu 17(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu dwar l-effikaċja u s-sostenibilità tar-riżultati miksuba mill-FEG, li ngħataw b'kuntratt lil esperti esterni. Ir-rapport finali tal-evalwazzjoni ġie ppreżentat fi tmiem l-2011 u huwa disponibbli fuq il-websajt tal-FEG (<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt>).

L-evalwazzjoni twettqet fil-livell tal-istrument innifsu, u fil-livell tal-każijiet u l-miżuri individwali tal-FEG. L-analiżi tal-effetti fit-tul tal-appoġġ tal-FEG ikkunsidrat l-individwi appoġġati u l-impiegaturi u l-komunitajiet lokali. Ġew analizzati 15-il każ tal-FEG fi tmiem Stati Membri (il-Finlandja, Franzia, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall u Spanja). Dawn ġew implementati skont ir-regoli oriġinali tal-FEG (li applikaw mill-2007 sa tmiem April 2009), jiġifieri livell limitu ta' 1 000 sensja, 12-il xahar ta' implementazzjoni, rata ta' kofinanzjament ta' 50 %. Il-15-il każ evalwati huma dawk li għalihom ġew ippreżentati r-rapporti finali mill-Istati Membri bejn l-2008 u l-2010 u li mbagħad ġew stralċati<sup>14</sup>:

---

<sup>14</sup>

Mingħajr ma jingħadd il-każ EGF/2007/002 FR/Renault li ġie rtirat fl-2009.


<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>	<b>Sena tal-istralċ</b>
EGF/2007/001	FR	Peugeot	2009
EGF/2007/003	DE	BenQ	2009
EGF/2007/004	FI	Perlos	2009
EGF/2007/005	IT	Sardegna	2011
EGF/2007/006	IT	Piemonte	2010
EGF/2007/007	IT	Lombardia	2011
EGF/2007/008	MT	Tessuti	2009
EGF/2007/010	PT	Lisboa-Alentejo	2010
EGF/2008/001	IT	Toscana	2011
EGF/2008/002	ES	Delphi	2010
EGF/2008/003	LT	Alytaus tekstilė	2010
EGF/2008/004	ES	Castilla Leon	2010
EGF/2008/005	ES	Catalonia	2011
EGF/2009/001	PT	North/Centre	2011
EGF/2009/002	DE	Nokia	2010

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu huma pożittivi minħabba li l-provi miġbura juru li l-FEG iżid il-valur mal-azzjonijiet tal-Istati Membri. Wara 12-il xahar ta' appoġġ mill-FEG, 42 % tal-ħaddiema fil-mira sabu xogħol ġdid, b'rati ta' integrazzjoni mill-ġdid li jkomplu jiżdiedu fuq perjodu ta' żmien medju. Dan huwa riżultat partikolarment tajjeb meta wieħed iqis li ħafna mill-ħaddiema appoġġgati huma fost dawk li jkunu qeqħdin ifittxu x-xogħol li huwa iktar diffiċli tgħinhom. Il-FEG jgħin lis-Servizzi tal-Impjieggi Pubbliċi fl-Istati Membri biex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi kkaġunati minn sensji fuq skala kbira, filwaqt li jimxi id f'id mal-isforzi nazzjonali eżistenti kif ukoll mal-assistenza mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dan kien saħansitra iktar importanti billi ħafna mill-każijiet tal-FEG kienu relatati ma' sensji tal-massa f'regħuni u lokalitajiet li digħi huma żvantaġġati — meta mqabbla mal-medja nazzjonali rispettiva — f'termini ta' qgħad, opportunitajiet tax-xogħol u dinamiżmu ekonomiku. Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri sabiex joffru appoġġ iktar personalizzat lil numru ikbar ta' ħaddiema, fuq perjodu itwal ta' żmien minn dak mogħti fl-iskemi standard tagħhom u huwa mfassal aħjar għall-profil u l-bżonn ta' kull ħaddiem individwali. Permezz ta' miżuri mmirati b'mod speċifiku, l-opportunitajiet tax-xogħol offruti mis-swieq tax-xogħol lokali jistgħu jitqabblu mal-profili tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja li jirċievu assistenza mill-FEG. L-implementazzjoni tal-FEG trawwem ukoll komunikazzjoni tajba bejn il-korpi nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri.

## 5. XEJRIET

Bin-numru li qiegħed jiżdied ta' każijiet tal-FEG, hemm iktar dejta għad-dispożizzjoni biex jiġu identifikati xejriet fl-applikazzjonijiet u sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali lejn id-direzzjoni tal-attivitajiet tal-Fond. Id-dejta li tinstab fil-graffs ta' hawn taħt u fl-Anness hija relatati mas-97 applikazzjoni fi 32 settur ekonomiku riċevuti bejn Jannar 2007 u Diċembru 2011. Figuri iktar dettaljati sejrin jiġu ppreżentati fit-tieni Ħarsa Ġeneral Statistika tal-FEG, 2007-2011, li għandha tiġi ppubblikata fl-ewwel nofs tal-2012.

Graff 1: Numru ta' applikazzjonijiet riċevuti, 2007-2011




	2007	2008	2009	2010	2011	<b>Total</b>
relatati mal-kriżi	-----	-----	23	23	20	<b>66</b>
relatati mal-kummerċ	8	5	6	6	6	<b>31</b>
<b>Total</b>	<b>8</b>	<b>5</b>	<b>29</b>	<b>29</b>	<b>26</b>	<b>97</b>
% mit-total	8,2%	5,2%	29,9%	29,9%	26,8%	<b>100,0%</b>

L-emenda tal-2009 tar-Regolament tal-FEG bil-modifikasi temporanji u permanenti tagħha ġalliet impatt viżibbli fuq in-numru ta' applikazzjonijiet li rċiviet il-Kummissjoni Ewropea, li wrew żieda notevoli fl-applikazzjonijiet minn Mejju 2009 'l quddiem. Tul il-perjodu kollu bejn l-2007 u l-2011, kien hemm 31 applikazzjoni relatati mal-kummerċ u 66 applikazzjoni relatati mal-kriżi. Madwar 80 % tal-applikazzjonijiet riċevuti minn Mejju 2009 (meta beda jaapplika r-Regolament emendat tal-FEG) kienu relatati mal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.


Kif muri fl-Anness 2, il-Pajjiżi l-Baxxi u Spanja huma l-Istati Membri li ppreżentaw l-ikbar numru ta' applikazzjonijiet għal finanzjament mill-FEG (16-il applikazzjoni kull wieħed), segwiti mill-Italja (12-il applikazzjoni) u mid-Danimarka (tmien applikazzjonijiet). Seba' Stati Membri għadhom ma applikawx għal appoġġ mill-FEG sal-31.12.2011: l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungjerija, is-Slovakkja u r-Renju Unit.

Graff 2: Ammonti mitluba mill-FEG imqassma skont kull Stat Membru, 2007-2011




Tul il-perjodu kollu bejn 1-2007 u 1-2011, intalab ammont totali ta' EUR 414.9 miljuni mill-FEG minn 20 Stat Membru. L-Italja talbet l-ikbar ammont ta' kofinanzjament mill-FEG (EUR 66,2 miljun/12-il applikazzjoni) segwita mill-Irlanda (EUR 60,6 miljun/ sitt applikazzjonijiet) u mid-Danimarka (EUR 49,9 miljun/tmien applikazzjonijiet). L-ammonti li għadhom mhumiex approvati huma indikattivi, hekk kif għadhom jistgħu jinbidlu matul il-fażi ta' valutazzjoni.

Graff 3: Numru ta' ġaddiema fil-mira mqassma skont l-Istati Membri, 2007-2011




L-Italja hija l-Istati Membru li talbet assistenza mill-FEG għall-ikbar numru ta' ġaddiema mogħtija s-sensja (13910/12-il applikazzjoni), segwita minn Spanja (12806/16-il applikazzjoni) u l-Irlanda (9835/sitt applikazzjonijiet). Fi 11-il pajjiż ieħor, in-numru jvarja minn ftit iktar minn 8000 fil-Ġermanja sa ftit iktar minn 1400 fir-Rumanija. F'kull wieħed mis-sitt Stati Membri li jifdal li ppreżentaw applikazzjonijiet, in-numru ta' ġaddiema involuti kien inqas minn 1 000.

Graff 4: Numru ta' applikazzjonijiet imqassma skont kull settur (NACE Rev. 2), 2007-2011




Matul il-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2011, il-FEG irċieva applikazzjonijiet għal total ta' 32 settur ta' attivitā (ara l-Anness 1). Il-parti l-kbira tagħhom involvew l-industriji tal-manifattura, iżda inkludew ukoll il-kostruzzjoni u s-servizzi. Erba' setturi tal-manifattura kienu responsabbli għall-ikbar numru ta' applikazzjonijiet: l-industrija awtomobilistika (14-il applikazzjoni jew 14,4 % tat-total), segwiti mis-setturi tat-tessuti (10 applikazzjonijiet jew 10,3 % tat-total), l-industrija tal-istampar, u s-setturi tal-makkinarji u t-tagħmir (9 u 8 applikazzjonijiet rispettivament jew 8-9 % kull wieħed). Madwar 10% (10 applikazzjonijiet) ġew mill-industrija tal-kostruzzjoni definita b'mod wiesa', li tkopri l-kostruzzjoni ta' bini, attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzata u attivitajiet arkittetoniċi u tal-inginerijs (dan jitla' għal 14-il applikazzjoni jew madwar 14 % li kieku jiġu inklużi setturi anċillari bħal dak tax-xogħol fuq l-injam/mastrudaxxi u c-ċeramika). Għal kważi nofs is-setturi, il-FEG irċieva applikazzjoni waħda.

Graff 5: Numru ta' ħaddiem fil-mira mqassma skont is-setturi (NACE Rev. 2), 2007-2011



Is-setturi kkonċernati huma l-ewwel u qabel kollox is-settur awtomobilistiku, b'iktar minn 19 000 ħaddiem fil-mira (21,7% tat-total fl-applikazzjonijiet ippreżentati), segwit mis-settut tat-tessuti (iktar minn 11 000 ħaddiem fil-mira jew 12,6% tat-total fl-applikazzjonijiet ippreżentati) u s-settut tal-kostruzzjoni ta' bini (madwar 7 000 ħaddiem fil-mira jew 7,8% tat-total fl-applikazzjonijiet ippreżentati).

*Graff 6: Ammont medju tal-FEG mitlub għal kull ġaddiem fil-mira mqassma skont l-Istati Membri, 2007-2011*



Il-Graff 6 turi l-appoġġ medju tal-FEG għal kull ġaddiem fil-mira. L-appoġġ mill-FEG għal kull ġaddiem kien l-ikbar fl-Awstrij u d-Danimarka b'madwar EUR 15 000 u EUR 10 000, rispettivament. Min-naħħa l-oħra, fil-Litwanja, is-Slovenja u r-Repubblika Ċeka, l-appoġġ mitlub kien inqas minn EUR 1 000 għal kull ġaddiem.

## 6. KONKLUŻJONI

Ix-xejriet evidenti sa issa juru li l-applikazzjonijiet għall-FEG ġew ippreżentati f'numru dejjem ikbar ta' setturi, u minn numru dejjem ikbar ta' Stati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri kisbu esperjenza fl-għażla tal-iktar miżuri xierqa, fl-ipprogrammar tal-assistenza tagħhom għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'mod effiċjenti, u fl-użu tal-FEG biex jippruvaw approċċi ġodda. Qegħdin jagħmlu wkoll użu dejjem ikbar mill-possibilità li jallokaw mill-ġdid il-fondi bejn il-miżuri matul l-implementazzjoni tal-proġetti sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-fondi disponibbli.

Il-fatt li d-‘deroga għall-kriżi’ temporanja tal-FEG ma ġietx estiżza lil hinn minn tmiem l-2011 (naqset milli tikseb maġġoranza kkwalifikata fil-Kunsill hekk kif tmien pajjiżi vvutaw kontra) illimita l-possibilitajiet ta’ assistenza mill-UE għall-ħaddiema li għadhom milquta sew mill-kriżi ekonomika u finanzjarja.

Mill-2012 sa tmiem il-perjodu ta’ pprogrammar attwali (tmiem l-2013), il-bidliet permanenti fir-Regolament emdat (il-livell limitu tnaqqas għal 500 sensja, il-perjodu ta’ implementazzjoni żidet għal 24 xahar mid-data ta’ applikazzjoni) sejrin ikomplu japplikaw, u b’hekk sejrin jiffaċilitaw l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri relatati mas-sensji bħala konsegwenza ta’ bidliet strutturali kbar fix-xejri kummeċċiali globali. Jekk jiġi žviluppatt il-potenzjal sħiħ tal-FEG, flimkien ma’ strumenti disponibbli oħrajn u b’konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin, il-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li jkunu eliġibbli għall-appoġġ mill-FEG jistgħu jiġu meħġjuna b'mod personalizzat u b'mod li hu mfassal eż-żarru għall-ħaddiema.

b'hekk jitjiebu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul hekk kif gradwalment is-swieq jirkupraw mill-kriżi.

**ANNESS 1 — APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FEG IMQASSMA SKONT IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2011 (97 APPLIKAZZJONI)**

<b>Settur awtomobilistiku (NACE: Manifattura ta' vetturi, karri u semitrejlers, diviżjoni 29)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2007/001	FR	Peugeot
EGF/2007/010	PT	Lisboa-Alentejo
EGF/2008/002	ES	Delphi
EGF/2008/004	ES	Castilla Leon
EGF/2009/007	SE	Volvo
EGF/2009/009	AT	Steiermark
EGF/2009/013	DE	Karmann
EGF/2009/019	FR	Renault
EGF/2010/002	ES	Cataluña
EGF/2010/004	PL	Wielkopolskie
EGF/2010/015	FR	Peugeot
EGF/2010/031	BE	General Motors Belġju
EGF/2011/003	DE	Arnsberg-Düsseldorf
EGF/2011/005	PT	Norte-Centro
<b>Tessuti (NACE: Manifattura ta' tessuti, diviżjoni 13)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2007/005	IT	Sardegna
EGF/2007/006	IT	Piemonte
EGF/2007/007	IT	Lombardia
EGF/2008/001	IT	Toscana
EGF/2008/003	LT	Alytaus tekstilė
EGF/2008/005	ES	Catalonia
EGF/2009/001	PT	North/Centre
EGF/2009/004	BE	Oost-West Vlaanderen
EGF/2009/005	BE	Limburg
EGF/2010/009	ES	Valencia
<b>Ilbies (NACE: Manifattura ta' ilbies, diviżjoni 14)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2007/008	MT	Tessuti
EGF/2009/018	LT	Oġġetti li jintlibsu
EGF/2010/003	ES	Galicia
EGF/2010/014	SI	Mura
<b>Industrija tal-istampar (NACE: Stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata, diviżjoni 18)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/026	NL	Noord Holland u Utrecht
EGF/2009/027	NL	Noord Brabant u Zuid Holland
EGF/2009/028	NL	Limburg
EGF/2009/029	NL	Gelderland u Overijssel
EGF/2009/030	NL	Drenthe
EGF/2010/027	NL	N Brabant Div 18
EGF/2010/028	NL	Overijssel Div 18
EGF/2010/029	NL	Z Holland/Utrecht Div 18
EGF/2010/030	NL	N Holland/Flevoland Div 18
<b>Makkinarju u tagħmir (NACE: Makkinarju u tagħmir mhux ikklassifikati band'oħra,</b>		

**diviżjoni 28)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/015	DK	Danfoss Group
EGF/2009/031	DK	Linak
EGF/2010/001	DK	Nordjylland
EGF/2010/006	PL	H.Cegielski-Poznań
EGF/2010/013	PL	Podkarpacie
EGF/2010/017	DK	Makkinarju ta' Midtjylland
EGF/2010/018	DE	Heidelberger Druckmaschinen
EGF/2010/022	DK	LM Glasfiber

**Kostruzzjoni ta' bini (NACE: Kostruzzjoni ta' bini, diviżjoni 41)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/011	NL	Heijmans
EGF/2009/017	LT	Kostruzzjoni
EGF/2010/019	IE	Kostruzzjoni 41
EGF/2011/002	IT	Trentino Alto Adige
EGF/2011/006	ES	Valencia
EGF/2011/009	NL	Gelderland
EGF/2011/017	ES	Aragon

**Attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzata (NACE: Attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzata, diviżjoni 43)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/020	IE	Kostruzzjoni 43
EGF/2011/012	NL	Noord Brabant-Zuid Holland

**Attivitajiet arkitettoniċi u tal-inġinerija (NACE: Attivitajiet arkitettoniċi u tal-inġinerija; ittestjar u analiżi tekniċi, diviżjoni 71)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/021	IE	Kostruzzjoni 71

**Tagħmir elettroniku (NACE: Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi, diviżjoni 26)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/023	PT	Qimonda
EGF/2010/008	AT	AT&S
EGF/2010/011	NL	NXP Semiconductors
EGF/2011/013	DK	Flextronics
EGF/2011/025	IT	Lombardia

**Telefons ċellulari (NACE: Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi, diviżjoni 26)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2007/003	DE	BenQ
EGF/2007/004	FI	Perlos
EGF/2009/002	DE	Nokia
EGF/2011/014	RO	Nokia

**Kompjuters (NACE: Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi, diviżjoni 26)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/008	IE	Dell

**Metalli bażiċi (NACE: Manifattura ta' metalli bażiċi, diviżjoni 24)**

<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/022	BG	Kremikovtsi AD ( <i>mhux eleġibbli</i> )
EGF/2010/007	AT	Steiermark-Niederösterreich
EGF/2011/021	NL	Zalco
<b>Tagħmir domestiku (NACE: Manifattura ta' tagħmir elettriku, diviżjoni 27)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/006	IT	Gruppo Merloni
EGF/2009/010	LT	AB Snaige
EGF/2011/023	IT	Antonio Merloni
<b>Kummerċ fil-livell tal-konsumaturi (NACE: Kummerċ fil-livell tal-konsumaturi, minbarra vetturi u muturi, diviżjoni 47)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/010	CZ	Unilever
EGF/2010/016	ES	Aragon
EGF/2011/004	EL	Aldi Hellas
<b>Ħidma ta' mastrudaxxi u xogħol bl-injam (NACE: Manifattura ta' injam u prodotti tal-injam u sufra, minbarra għamara, diviżjoni 16)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/020	ES	Castilla La Mancha
EGF/2011/022	ES	Castilla y León-Castilla-La Mancha
<b>Tarzna (NACE: Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport, diviżjoni 30)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/025	DK	Tarzna tal-Azzar ta' Odense
EGF/2011/008	DK	Tarzna tal-Azzar ta' Odense
<b>Muturi (NACE: Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport, diviżjoni 30)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2011/026	IT	Emilia Romagna
<b>Industrija ta' ħdim tal-metall (NACE: Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikati, ġief makkinarju u tagħmir, diviżjoni 25)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2011/018	ES	País Vasco
EGF/2011/019	ES	Galicia
<b>Manifattura ta' żraben (NACE: Manifattura ta' prodotti tal-ġilda u oħrajn relatati, diviżjoni 15)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/026	PT	Rohde
EGF/2011/020	ES	Valencia
<b>Kummerċ tal-operaturi (NACE: Kummerċ tal-operaturi, diviżjoni 46)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2010/012	NL	Noord Holland ICT
<b>Manutenzjoni ta' ingeni ji tal-ajru (NACE: Tiswija u installazzjoni ta' makkinarji u tagħmir, diviżjoni 33)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/021	IE	SR Technics
<b>Pubblikazzjoni (NACE: Attivitajiet ta' pubblikazzjoni, diviżjoni 58)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/024	NL	Noord Holland u Zuid Holland
<b>Għamara (NACE: Manifattura ta' għamara, diviżjoni 31)</b>		
<b>Nru</b>	<b>SM</b>	<b>Każ</b>
EGF/2009/016	LT	Għamara

**Ċeramika (NACE: Manifattura ta' prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi, diviżjoni 23)**

Nru SM Każ  
EGF/2009/014 ES Valencia  
EGF/2011/007 IT Lazio

**Ħġieġ tal-kristall (NACE: Manifattura ta' prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi, diviżjoni 23)**

Nru SM Każ  
EGF/2009/012 IE Waterford Crystal

**Ġebel/Irħam (NACE: Manifattura ta' prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi, diviżjoni 23)**

Nru SM Każ  
EGF/2010/005 ES Valencia

**Trasport tat-triq (NACE: Trasport fuq l-art u trasport permezz tal-pipelines, diviżjoni 49)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/001 AT Nieder- und Oberösterreich

**Prodotti tat-tabakk (NACE: Manifattura ta' prodotti tat-tabakk, diviżjoni 12)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/010 AT Austria Tabak

**Attivitajiet ta' ħidma soċjali (NACE: Attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni, diviżjoni 88)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/011 AT Soziale Dienstleistungen

**Prodotti farmaċewtiċi (NACE: Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi, diviżjoni 21)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/015 SE AstraZeneca

**Servizzi tal-ICT (NACE: Programmar bil-kompjuters, konsulenza u attivitajiet relatati, diviżjoni 62)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/016 ES Agile

**Irfiġi f'imħażen u ħżin (NACE: Attivitajiet ta' rfigħ f'imħażen u ta' appoġġ għat-trasport, diviżjoni 52)**

Nru SM Każ  
EGF/2011/24 IT Medcenter

**numru totali ta' applikazzjonijiet: 97 numru totali ta' setturi industrijali: 32**

fil-lista ta' hawn fuq, it-tmien subsetturi tan-NACE li ġejjin jitqiesu setturi **separati**:  
kompjuters, telefowns ċellulari, tagħmir elettroniku (Nace 26)  
tarzna, muturi (Nace 30)  
ċeramika, ħġieġ tal-kristall, ġebel/irħam (Nace 23)

*\*) is-sitt każijiet li ġejjin ġew irtirati mill-Istati Membri (sal-31/12/2011) u mhumiex inklużi fil-lista:*

EGF/2007/002	FR	Renault	(irtirat f'Lulju 2009)
EGF/2007/009	ES	Delphi	(irtirat fl-2007)
EGF/2009/003	AT	Magna Steyr	(irtirat fl-2009)
EGF/2009/025	NL	Noord Brabant	(irtirat f'April 2010)
EGF/2010/023	ES	Lear	(irtirat f'Lulju 2011)
EGF/2010/024	NL	ABN Amrobank	(irtirat f'Marzu 2011)

**ANNESS 2 — ĦARSA ĠENERALI LEJN L-APPLIKAZZJONIJIET TAL-FEG SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2011 IMQASSMIN SKONT L-ISTATI MEMBRI U T-TIP TA' APPLIKAZZJONI (KRITERJI TAL-ARTIKOLU 1)**

Member State	Art.1	2007	2008	2009	2010	2011	Number of applications	Workers targeted	Requested EGF contribution in EUR million
BE	crisis			1		1	3	2.834 2.199	9,6 9,2
	trade		2			2		5.033	18,8
BG	crisis		1			1	1	643	1,1
	trade							643	1,1
CZ	crisis			1		1	1	460	0,3
	trade							460	0,3
DK	crisis	2	2	1	5		8	3.600 1.303	38,3 11,6
	trade		2	1	3			4.903	49,9
DE	crisis		1	1	2		5	1.959 6.412	12,7 24,5
	trade	1	2		3			8.371	37,2
IE	crisis		3	3		6	6	9.835	60,6
	trade							9.835	60,6
EL	crisis			1	1		1	642	2,9
	trade							642	2,9
ES	crisis	2	3	5	10		16	7.803 5.003	21,7 22,0
	trade	3	2	1	6			12.806	43,7
FR	crisis		1	1		2	3	5.671 267	36,4 2,6
	trade	1				1		5.938	39,0
IT	crisis			6	6		12	4.866 9.044	17,7 48,5
	trade	3	1	1	1	6		13.910	66,2
LT	crisis		4			4	5	2.413 600	2,6
	trade	1				1		3.013	0,3
MT	crisis			1			1	675	0,7
	trade	1						675	0,7
NL	crisis	7	5	3	15		16	7.586 512	28,0 1,8
	trade		1		1			8.098	29,9
AT	crisis		1	1	2	4		1.608	24,5
	trade		1	1	2		6	394	5,9
PL	crisis		3			3	3	979	1,2
	trade							979	1,2
PT	crisis	1	1	1	3		5	2.245 2.122	5,4 3,3
	trade	1	1		2			4.367	8,6
RO	crisis				1	1	1	1.416	3,2
	trade							1.416	3,2
SI	crisis			1		1	1	2.554	2,2
	trade							2.554	2,2
FI	crisis				1		1	915	2,0
	trade	1				1		915	2,0
SE	crisis		1			1	2	1.500 700	9,8 4,3
	trade					1		2.200	14,2
<b>Total</b>	<b>crisis</b>	<b>23</b>	<b>23</b>	<b>20</b>	<b>66</b>		<b>97</b>	<b>57.198</b>	<b>275,0</b>
<b>20 MS</b>	<b>trade</b>	<b>8</b>	<b>5</b>	<b>6</b>	<b>6</b>	<b>31</b>		<b>31.562</b>	<b>139,9</b>
								<b>88.760</b>	<b>414,9</b>

- 1) It-Tabella tirreferletti l-modifiki tal-31.12.2011.
- 2) Deroga temporanja li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EG għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u li żżid ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għal 65 % tal-ispejjeż totali applikati għall-applikazzjonijiet kollha li daħlu mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 (Regolament (KE) Nru 546/2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 167, 29.06.2009).
- 3) Waħda mill-applikazzjonijiet ippreżentati (EGF/2009/022 BG/Kremikovtsi) ma kinitx eliġibbli (SEC(2010) 993 finali tat-30.8.2010).
- 4) Is-sitt każijiet irtrirati mill-Istati Membri applikanti mhumiex inklużi fl-istatistiki.
- 5) Seba' Stati Membri għadhom ma applikawx għal appoġġ mill-FEG sal-31.12.2011: l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgo, l-Ungernja, is-Slovakkija u r-Renju Unit.